2024/1943

12.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1943

tal-11 ta' Lulju 2024

li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' kejbils fibrottiċi li joriġinaw mill-Indja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. **Bidu**

(1) Fis-16 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' kejbils fibrottiċi ("OFC", optical fibre cables) li joriġinaw mill-Indja ("il-pajjiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika tal-Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment imressaq fit-3 ta' Ottubru 2023 minn Europacable ("l-ilmentatur"). L-ilment sar f'isem l-industrija tal-Unjoni tal-kejbils fibrottiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien jinkludi evidenza ta' dumping u ta' dannu materjali konsegwenti li kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. **Reġistrazzjoni**

(3) Skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirreġistra l-importazzjonijiet soġġetti għal investigazzjoni anti-dumping matul il-perjodu ta' qabel id-divulgazzjoni sakemm ma jkollhiex biżżejjed evidenza skont it-tifsira tal-Artikolu 5 li ma jkunux ġew issodisfati r-rekwiżiti skont il-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 10(4). Wieħed minn dawn ir-rekwiżiti, kif indikat fl-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku, huwa li jkun hemm żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet minbarra l-livell ta' importazzjonijiet li jkun ikkawża dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni (jiġifieri mill-1 ta' Ottubru 2022 sat-30 ta' Settembru 2023).

(4) Madankollu, kif jidher fit-Tabella 1, fil-każ preżenti, l-analiżi tal-Kummissjoni wriet li meta titqabbel il-medja ta' kull xahar tal-importazzjonijiet mill-bidu tal-investigazzjoni 'l quddiem (jiġifieri minn Diċembru 2023 sa April 2024) mal-medja ta' kull xahar fil-perjodu ta' investigazzjoni u l-medja ta' kull xahar tal-istess xhur fil-perjodu ta' investigazzjoni abbażi tal-istatistika tas-Sorveljanza, ma seħħet l-ebda żieda fl-importazzjonijiet. Għalhekk, mhijiex issodisfata l-kundizzjoni legali skont l-Artikolu 10(4)(d). B'hekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tirreġistrax l-importazzjonijiet tal-OFC li joriġinaw mill-Indja.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) Avviż ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' kejbils tal-fibra ottika li joriġinaw mill-Indja (ĠU C, C/2023/891, 16.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/891/oj).

Tabella 1

Importazzjonijiet mill-Indja fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' wara l-bidu tal-investigazzjoni (km ta' kejbils) [3]

Oriġini	Medja ta' kull xahar tal-perjodu ta' investigazzjoni	Diċembru 2023–April 2024 medja ta' kull xahar	Diċembru 2022–April 2023 medja ta' kull xahar
L-Indja	8 591	4 541	9 731

Sors: Il-bażi tad-*data* Sorveljanza3.

1.3. **Partijiet interessati**

(5) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-ilmentaturi, lil produtturi magħrufa oħra tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet Indjani, lill-importaturi magħrufa, lill-utenti u lin-negozjanti, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

(6) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

1.4. **Kummenti dwar il-bidu**

(7) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar il-bidu mill-produtturi esportaturi Birla Cable Ltd ("Birla"), HFCL Limited ("HFCL"), Sterlite Technologies Limited ("STL"), u l-ilmentatur.

(8) Il-produtturi esportaturi HFCL u STL sostnew li ma ġie pprovdut l-ebda sommarju mhux kunfidenzjali sinifikanti tal-kalkoli tal-marġni tad-dumping, tal-valur normali, tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz mill-ilmentatur u talbu li jingħata aċċess għall-informazzjoni meħtieġa. HFCL talab ukoll id-divulgazzjoni ta' sommarju mhux kunfidenzjali sinifikanti tal-informazzjoni pprovduta mill-ilmentatur dwar l-imġiba tal-ipprezzar tal-produtturi esportaturi Indjani fil-proċeduri tal-offerti fl-UE. HFCL sostna wkoll li s-sommarji pprovduti relatati mal-proċeduri tal-offerti f'diversi Stati Membri u tal-offerta tal-prezz magħmula minn produttur Indjan fis-suq spot ma kinux sinifikanti.

(9) Il-Kummissjoni vvalutat l-affermazzjonijiet iżda qieset, fir-rigward tal-kalkoli tal-marġni tad-dumping u tal-valur normali, li l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati kien fiha l-evidenza essenzjali kollha u s-sommarji mhux kunfidenzjali tad-*data* kunfidenzjali li jippermettu lill-partijiet interessati jeżerċitaw kif xieraq id-drittijiet tad-difiża tagħhom. B'mod partikolari, is-sommarju mhux kunfidenzjali kien fih informazzjoni dwar is-sorsi (prezzijiet tal-esportazzjoni ta' kejbils li fihom 24 u 48 fibra — l-aktar tipi rappreżentattivi ta' OFC — ibbażati fuq offerti li saru fi tliet Stati Membri tal-UE) u marġni tad-dumping għaż-żewġ tipi l-aktar rappreżentattivi ta' OFC (flimkien mar-rata medja tad-dumping għaż-żewġ tipi). Għalhekk, ġew miċħuda dawn l-affermazzjonijiet.

(10) Wara l-affermazzjonijiet ta' STL u HFCL, il-Kummissjoni vvalutat mill-ġdid is-sommarji tal-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz, kif ukoll id-*data* aggregata taċ-ċifri tal-ilmentatur disponibbli fil-fajl miftuħ u ddeċidiet li titlob lill-ilmentaturi jipprovdu aktar dettalji għall-verżjoni miftuħa tal-ilment. Din l-informazzjoni addizzjonali mhux kunfidenzjali ġiet miżjuda mal-fajl.

(11) Fir-rigward tal-affermazzjoni li tikkonċerna l-offerti, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiċħad l-affermazzjoni minħabba n-natura kunfidenzjali tal-informazzjoni (l-annessi sensittivi fihom offerti speċifiċi tal-prezz, negozjati u informazzjoni konkreta dwar is-sottomissjonijiet ta' offerti — is-sommarji mhux kunfidenzjali pprovduti mill-ilmentatur tqiesu xierqa).

[3] Id-*data* fil-bażi tad-*data* tas-Sorveljanza rreġistrata f'kg ġiet ikkonvertita f'km ta' kejbils f'konformità mal-ispjegazzjonijiet stabbiliti fil-premessa (96).

(12) Il-produttur esportatur Birla sostna li l-ilment kien ibbażat fuq ċifri skaduti, peress li ġie ppreżentat biss f'Ottubru 2023, jiġifieri aktar minn sitt xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni użat għall-ilment (jiġifieri l-31 ta' Marzu 2023).

(13) L-ilment intbagħat lill-Kummissjoni fit-2 ta' Ottubru 2023 u, skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament bażiku tqies li ġie ppreżentat fl-ewwel jum tax-xogħol wara li ntbagħat lill-Kummissjoni, jiġifieri fit-3 ta' Ottubru 2023. Ir-Regolament bażiku ma jistabbilixxi l-ebda obbligu legali li lment jenħtieġ li ma jkunx fih *data* li antika aktar minn sitt xhur qabel il-preżentazzjoni tal-ilment. Madankollu, il-Kummissjoni tuża ż-żmien imsemmi fir-Regolament bażiku, inkluż l-Artikolu 6(1), bħala gwida ([4]) biex tiżgura li d-*data* tal-ilmenti tkun kemm jista' jkun aġġornata. Anki jekk l-Artikolu 6(1) japplika fl-istadju tal-bidu, dak l-artikolu jipprevedi ċerta flessibbiltà peress li jiddikjara li "għandu jintgħażel perjodu ta' investigazzjoni li, fil-każ ta' dumping għandu, normalment, ikopri perjodu ta' mhux inqas min sitt xhur immedjatament qabel il-bidu tal-proċedimenti.". L-affermazzjoni ta' Birla hija mingħajr bażi legali u għalhekk ġiet miċħuda.

(14) HFCL innota d-differenza bejn id-*data* koperta mill-ilment (jiġifieri mill-1 ta' April 2022 sal-31 ta' Marzu 2023) u l-perjodu ta' investigazzjoni (jiġifieri mill-1 ta' Ottubru 2022 sat-30 ta' Settembru 2023) u talab li l-ilment jiġi aġġornat bid-*data* relatata mal-perjodu ta' investigazzjoni. Huwa sostna li n-nuqqas ta' forniment ta' tali *data* jipprevjeni lill-partijiet interessati milli jipprovdu kummenti sinifikanti fir-rigward tas-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni. HFCL indika b'mod partikolari l-allegata talba tal-Kummissjoni lill-partijiet interessati biex jagħmlu l-preżentazzjonijiet tagħhom dwar id-dannu lill-industrija tal-Unjoni. Huwa sostna li l-partijiet interessati għalhekk ġew imċaħħda mid-drittijiet leġittimi tagħhom tad-difiża u ta' proċess ġust.

(15) Europacable sostniet li HFCL ma pprovda l-ebda bażi legali b'appoġġ għal din l-affermazzjoni. Hija nnotat li l-perjodu ta' investigazzjoni użat għall-fini tal-ilment huwa neċessarjament differenti minn dak użat fil-proċediment innifsu, minħabba ż-żmien li għadda bejn il-preżentazzjoni tal-ilment u l-bidu tal-investigazzjoni.

(16) L-informazzjoni pprovduta fl-ilment kienet il-bażi li fuqha l-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-investigazzjoni preżenti. Għalhekk, il-fatt li l-perjodu ta' investigazzjoni kopert mill-ilment huwa differenti mill-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni ma jżommx lill-partijiet interessati milli jipprovdu kummenti sinifikanti dwar l-ilment u l-bidu tal-investigazzjoni. L-ilment tqies komplut fir-rigward tar-rekwiżiti obbligatorji tiegħu, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, fin-notifika tal-bidu tagħha, stiednet lill-partijiet jikkooperaw billi jimlew formola ta' kampjunar (il-punt 5.3.1(a) tan-Notifika tal-Bidu), biex jipprovdu kummenti dwar il-bidu tal-investigazzjoni jew l-ilment (il-punt 5.2 tan-Notifika tal-Bidu), biex jipprovdu informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni (il-punt 5.5 tan-Notifika tal-Bidu), u pprevediet il-possibbiltà li jikkummentaw dwar il-preżentazzjonijiet ta' partijiet oħra. Is-sejbiet dettaljati dwar il-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni jiġu żvelati lill-partijiet interessati fi stadju aktar tard u dawn jingħataw l-opportunità li jikkummentaw f'dak l-istadju tal-investigazzjoni. Għalhekk, ġew miċħuda dawn l-affermazzjonijiet.

(17) STL, HFCL u Birla sostnew li d-*data* dwar l-importazzjoni fl-ilment ma kinitx preċiża meta jitqies li kienet tiddependi mill-kodiċi NM sħiħ 8544 70 00 li huwa usa' mill-prodott taħt investigazzjoni, minflok il-kodiċi TARIC 8544 70 00 10 maħluq fl-investigazzjoni preċedenti dwar l-importazzjonijiet ta' OFC li joriġinaw miċ-Ċina ([5]) ("l-investigazzjoni taċ-Ċina"), li jinkludi biss il-prodott ikkonċernat. Dawn il-kumpaniji kkontestaw ukoll l-aġġustamenti li saru fl-istatistika tal-importazzjoni abbażi tal-kodiċi NM billi żiedu l-importazzjonijiet tal-OFC allegatament iddikjarati ħażin bħala fibrottiċi taħt il-kodiċi tal-komoditajiet 9001 10. Dawn il-partijiet sostnew li ma ngħatat l-ebda evidenza ta' dikjarazzjonijiet ħżiena. Dawn il-partijiet kollha enfasizzaw li l-kodiċi tal-komoditajiet 9001 10 jirreferi għal kejbils fibrottiċi, mhux magħmula minn fibri miksijin individwalment kif deċiż mill-Qrati Indjani, u b'hekk ma jiffurmawx parti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni. STL sostna wkoll li importazzjonijiet oħra ta' pajjiżi terzi tal-OFC jistgħu jiġu ddikjarati ħażin bħala fibrottiċi taħt il-kodiċi tal-komoditajiet 9001 10 ukoll, li ma tqisitx mill-ilment. Għalhekk, ġie ddikjarat li d-*data* tal-importazzjoni fl-ilment kienet stmata żżejjed.

([4]) https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/5dd1dca7-b5b0-11ee-b164-01aa75ed71a1.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2011 tas-17 ta' Novembru 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-kejbils fibrottiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 410, 18.11.2021, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/2011/oj).

(18) Il-metodoloġija, ir-raġunament, u s-sorsi għall-aġġustamenti biex jiġi stmat il-volum tal-importazzjoni tal-OFC mill-Indja ġew spjegati fid-dettall fl-ilment u tqiesu li huma appoġġjati biżżejjed minn evidenza skont it-tifsira tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku. L-ilment jiddeskrivi u jipprovdi evidenza għaliex l-istatistika taħt il-kodiċi NM 8544 70 00 hija aktar sinifikanti fil-każ speċifiku tal-Indja, u għaliex madankollu kienu meħtieġa aġġustamenti għal din id-*data* u fuq liema bażi saru tali aġġustamenti. B'mod speċifiku, l-ilmentatur jargumenta li l-użu tal-kodiċi TARIC huwa preferibbli għaċ-Ċina, li mhux biss tipproduċi u tesporta lejn l-Unjoni l-prodott ikkonċernat iżda wkoll kejbils sottomarini u kejbils multimodali, iżda mhux għall-Indja. L-ilmentatur jispjega li l-Indja ma tipproduċi l-ebda kejbils sottomarini u timmanifattura kwantità marġinali ta' kejbils multimodali u jipprovdi evidenza li kważi l-volum kollu tal-importazzjonijiet tal-OFC mill-Indja li jaqa' taħt il-kodiċi NM 8544 70 00 jikkonsisti fil-prodott ikkonċernat. Il-Kummissjoni rrieżaminat l-evidenza ppreżentata fl-ilment u qieset li l-użu tal-kodiċi NM 8544 70 00 kien xieraq. Fir-rigward tal-użu tal-kodiċi tal-komoditajiet 9001 10, li jkopri l-OF biss u mhux l-OFC, il-Kummissjoni qieset li l-evidenza pprovduta mill-ilmentatur (korrispondenza li fiha l-produtturi Indjani jiddikjaraw li l-OFC huma importati fl-UE taħt il-Kodiċi HS 9001 10, taħt "linji gwida doganali" Indjani applikati wkoll fl-esportazzjonijiet lejn reġjuni oħra ta' esportazzjoni) hija xierqa wkoll. Il-fatt li skont il-Qrati Indjani, il-kodiċi NM 9001 10 00 jirreferi għal kejbils tal-fibra ottika, mhux magħmula minn fibri miksija individwalment, huwa irrilevanti, peress li l-prodott meqjus huwa dejjem miksi, u għalhekk jaqa' taħt kodiċi NM differenti, li huwa l-kodiċi NM 8544 70 00.

(19) Barra minn hekk, il-produtturi esportaturi ma pprovdew l-ebda evidenza li l-istimi li saru mill-ilmentatur kienu irraġonevoli jew sostanzjalment ħżiena. Fl-aħħar nett, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni u ma kien hemm l-ebda evidenza disponibbli għall-ilmentatur li importazzjonijiet oħra minn pajjiżi terzi ġew iddikjarati ħażin taħt il-kodiċi tal-komoditajiet 9001 10 u li l-istatistika tal-importazzjoni ta' dawk il-pajjiżi kellha tiġi aġġustata kif xieraq. Għalhekk ġew miċħuda dawn l-affermazzjonijiet.

(20) HFCL sostna li l-marġni tad-dumping fl-ilment ma setax jitqies bħala rappreżentattiv peress li ġie kkalkolat abbażi tal-prezzijiet għal ċerti tipi ta' OFC biss (li fihom 24 u 48 fibra), li ma kinux jiffurmaw parti sinifikanti mill-esportazzjonijiet Indjani. HFCL argumenta wkoll li ma ngħatat l-ebda evidenza li l-mudelli li fuqhom kien ibbażat il-valur normali huma l-istess bħal dawk użati għad-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni. Fl-aħħar nett, huma sostnew li hemm ħafna karatteristiċi li jista' jkollhom impatt fuq il-kostijiet u l-prezzijiet u meta ma jitqisux kif xieraq, dawn jistgħu jżidu l-marġni tad-dumping.

(21) F'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku, l-ilment jenħtieġ li jinkludi evidenza raġonevolment disponibbli għall-ilmentatur. Minħabba l-karattru kunfidenzjali tal-kostijiet u l-prezzijiet, l-ilmentatur ma setax ikollu aċċess għal informazzjoni dettaljata ħafna f'dan ir-rigward u għalhekk ma kienx meħtieġ jipprovdi tali informazzjoni. Tqies li l-evidenza pprovduta fir-rigward tal-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni kienet biżżejjed u rappreżentattiva biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni. Għalhekk, ġiet miċħuda l-affermazzjoni.

(22) Birla, HFCL u STL sostnew li ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza fl-ilment dwar il-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz. Barra minn hekk, Birla sostna li l-prezzijiet użati ma kinux rappreżentattivi għall-produtturi Indjani jew għall-industrija tal-Unjoni, filwaqt li STL sostna li ma kinux ikopru l-kamp ta' applikazzjoni kollu tal-prodott taħt investigazzjoni, iżda biss subsett tiegħu. F'dan ir-rigward, it-tipi ta' OFC ikkunsidrati fl-ilment (jiġifieri l-kejbils li fihom 24 u 48 fibra għall-kalkoli tad-dumping, u 12, 24, 48 u 72 fibra għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz) jirrappreżentaw l-aktar OFC mibjugħa fis-suq tal-UE u t-tipi li għalihom l-ilmentaturi setgħu jiġbru evidenza fir-rigward tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Indjani. Birla sostna li l-analiżi tal-ilmentaturi tal-prezzijiet tal-importazzjoni hija difettuża, u x-xejriet tal-importazzjonijiet kif murija fl-ilment fi kwalunkwe każ ma wrewx l-allegata pressjoni fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni. Birla sostna wkoll li kellha titwettaq analiżi separata għas-sejħa għall-offerti u għas-swieq spot, filwaqt li STL sostna wkoll li l-profitt fil-mira li ġie stabbilit matul l-investigazzjoni dwar l-OFC li joriġinaw miċ-Ċina jenħtieġ li ma jitqiesx għall-kalkolu tal-marġnijiet tal-bejgħ taħt il-prezz fl-investigazzjoni attwali.

(23) Kif intqal hawn fuq, f'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku, l-ilmentatur huwa meħtieġ biss li jipprovdi evidenza raġonevolment disponibbli għalih. B'hekk, l-ilment ma għandux għalfejn jinkludi *data* tat-tipi kollha ta' prodotti, jew jipprovdi analiżi għal kull segment tas-suq, b'mod partikolari meta tali *data* tkun kunfidenzjali u/jew ma tkunx disponibbli għall-pubbliku. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-evidenza pprovduta fir-rigward tal-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz issodisfat il-livell limitu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku. Fl-aħħar nett, il-profitt fil-mira użat fl-ilment għall-kalkolu tal-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz tqies bħala raġonevoli u STL lanqas ma seta' jipprovdi evidenza konvinċenti f'dan l-istadju tal-proċediment li turi li l-livell tiegħu kien sostanzjalment żbaljat jew ħażin. Għalhekk, ġew miċħuda l-affermazzjonijiet kollha fir-rigward tal-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz.

(24) STL, b'referenza għal rapporti annwali/interim disponibbli għall-pubbliku ta' Prysmian Group, Acome, Hextronic, u Tratos, sostna li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali, iżda kienet b'saħħitha u prosperuża.

(25) L-evidenza fl-ilment fir-rigward tad-dannu kienet relatata mal-iżvilupp tal-indikaturi tad-dannu tan-negozju tal-OFC biss u b'hekk hija meqjusa aktar pertinenti mill-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku li tappartjeni għall-kumpaniji fil-livell tal-grupp. Għalhekk, ġiet miċħuda din l-affermazzjoni.

(26) Birla, HFCL u STL ma qablux mal-analiżi ta' diversi indikaturi tad-dannu deskritti fl-ilment u sostnew li l-iżvilupp tagħhom ma kienx jindika sitwazzjoni dannuża. Huma argumentaw ukoll li d-*data* tal-ilmentaturi kienet imħallta mad-*data* tal-produtturi kollha tal-Unjoni tal-OFC u b'hekk użata b'mod selettiv. STL u HFCL argumentaw li b'mod partikolari d-*data* dwar il-produzzjoni, il-bejgħ, is-sehem mis-suq, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità wriet xejriet pożittivi u għalhekk ma wriet l-ebda dannu materjali. STL argumenta li l-ilmentaturi kellhom profittabilità b'saħħitha, u kwalunkwe impatt negattiv kien dovut għal żidiet drastiċi fl-investimenti, fil-kapaċità, u fl-akkumulazzjoni tal-istokks.

(27) B'mod ġenerali, ix-xejriet tal-indikaturi tad-dannu fl-ilment urew li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali. Is-sehem mis-suq naqas mill-2019 sal-2022 u filwaqt li reġa' nkiseb is-sehem mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-ilment, baqa' taħt il-livelli tal-2019. L-istess jgħodd għall-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, jiġifieri wrew xejra ta' tnaqqis, ħlief fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-ilment, fejn żdiedu għalkemm baqgħu fil-biċċa l-kbira taħt il-prezzijiet tal-bejgħ fl-2019. Filwaqt li l-kost tal-produzzjoni naqas, dan kien b'pass aktar bil-mod mill-prezzijiet tal-bejgħ, b'effett negattiv fuq il-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni. Il-fatt li indikaturi oħra tad-dannu bħall-volum ta' bejgħ u l-volum tal-produzzjoni kif ukoll l-investimenti wrew xejra pożittiva għandu jitqies fil-kuntest ekonomiku ġenerali u jrid jiġi bbilanċjat ukoll mal-iżvilupp parallel tal-konsum tal-Unjoni li żdied aktar mill-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Dawn l-iżviluppi pożittivi bħala tali ma jfissrux li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali. Il-fatt li l-profittabilità żdiedet fi tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tal-ilment ma jikkontradixxix l-iżvilupp negattiv sinifikanti mill-2019 u l-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha f'konformità maż-żieda fil-kost tagħha. Il-Kummissjoni qieset li l-ilmentatur ipprovda biżżejjed evidenza li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali. Għalhekk, ġew miċħuda l-affermazzjonijiet f'dan ir-rigward.

(28) Fir-rigward tal-affermazzjoni li d-*data* dwar l-indikaturi tad-dannu ġiet ipprovduta b'mod selettiv, il-Kummissjoni tinnota li l-ilmentatur stabbilixxa *data* għall-indikaturi makroekonomiċi (bħall-volum ta' bejgħ, il-volum tal-produzzjoni u s-sehem mis-suq) abbażi ta' informazzjoni li tappartjeni għall-produtturi kollha tal-Unjoni, filwaqt li d-*data* għall-indikaturi mikroekonomiċi (bħall-profittabilità u l-prezzijiet tal-bejgħ) ġiet ipprovduta abbażi ta' *data* li tappartjeni għall-ilmentaturi. Din hija l-istess metodoloġija li l-Kummissjoni tapplika fl-investigazzjonijiet fejn jintuża l-kampjunar u għalhekk tqieset leġittima u raġonevoli. Għalhekk, ma jistax jiġi argumentat li tali *data* ntużat b'mod selettiv, u, għalhekk, ġiet miċħuda din l-affermazzjoni. Barra minn hekk, kif innotat fil-paragrafu (10) hawn fuq, il-Kummissjoni żiedet verżjoni miftuħa fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati li tipprovdi *data* aggregata taċ-ċifri tal-ilmentatur.

(29) Birla, l-HFCL, u STL sostnew li l-ilment naqas milli jistabbilixxi rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Indjani u d-dannu allegat għall-produtturi tal-Unjoni. Huma sostnew li l-ilmentatur ma stabbilixxiex korrelazzjoni bejn l-importazzjonijiet tal-OFC mill-Indja u d-dannu materjali u ma qiesx biżżejjed fatturi oħra li setgħu kkawżaw id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(30) STL sostna li l-analiżi tal-kawżalità kienet influwenzata minħabba li kienet ibbażata fuq volumi ta' importazzjoni ħżiena. Barra minn hekk, huma sostnew li l-volumi tal-importazzjoni u s-sehem mis-suq mill-Indja ma setgħux jitqiesu b'mod iżolat iżda fil-kuntest usa' tad-dinamika tas-suq kollu. Birla sostna li ż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Indja ma kinitx għad-detriment tal-produtturi tal-Unjoni u li s-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni evolva l-aktar f'konformità mas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra. Barra minn hekk, huma sostnew li ma kien hemm l-ebda twaqqigħ tal-prezz jew bejgħ taħt il-prezz muri, u li l-prezzijiet tal-importazzjoni kienu ogħla mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni; għalhekk, l-importazzjonijiet mill-Indja ma kellhomx effett negattiv fuq il-prezz fuq l-industrija tal-Unjoni.

(31) Birla, HFCL, u STL argumentaw li kienu fatturi oħra li kkawżaw id-dannu lill-industrija tal-Unjoni. Huma sostnew li l-importazzjonijiet tal-istess prodott miċ-Ċina li kellhom prezzijiet tal-importazzjoni aktar baxxi u ishma mis-suq ogħla kkawżaw id-dannu, b'mod partikolari meta jitqies li l-prattiki ta' assorbiment tal-esportaturi tal-OFC miċ-Ċina xorta kellhom effetti matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-ilment ([6]).

(32) STL, HFCL u Birla invokaw ukoll għadd ta' fatturi oħra li kkawżaw id-dannu lill-industrija tal-Unjoni li ma ġewx indirizzati fl-ilment: (i) iż-żieda fil-kost tal-materja prima u l-enerġija, (ii) il-pandemija tal-COVID-19, u t-tfixkil fil-katina tal-provvista; (iii) iż-żieda sostanzjali fl-investimenti, fil-kapaċità tal-produzzjoni u fl-istokks (dannu awtokkawżat); (iv) l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra; (v) il-kompetizzjoni fost il-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni; u (vi) l-imġiba antikompetittiva ta' ċerti lmentaturi.

(33) Europacable innotat li, b'kuntrast, l-ilment wera li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma kissrux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Huma enfasizzaw ukoll li l-industrija tal-Unjoni kellha żżomm il-livell ta' investimenti tagħha f'konformità mat-tkabbir tas-suq biex tibqa' kompetittiva u li l-investimenti tal-industrija tal-Unjoni għalhekk ma setgħux jiksru r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Indjani li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Europacable ċaħdet ukoll l-argument ta' mġiba antikompetittiva peress li ma kinitx relatata mal-prodott taħt investigazzjoni u enfasizzat li ż-żieda fil-kost kienet segwita minn żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ. Fl-aħħar nett huma argumentaw li l-Kummissjoni matul l-investigazzjoni dwar l-importazzjonijiet tal-OFC li joriġinaw miċ-Ċina kienet diġà stabbiliet li l-pandemija tal-COVID-19 kellha biss impatt limitat u temporanju ħafna fuq l-industrija ([7]).

(34) Il-Kummissjoni qieset li l-ilment ipprovda biżżejjed evidenza skont it-tifsira tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament bażiku li kien hemm koinċidenza fiż-żmien ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-OFC li joriġinaw mill-Indja u t-tnaqqis ġenerali tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. L-ilment wera wkoll li l-prezzijiet tal-importazzjoni kienu qed iwaqqgħu l-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Bħala konklużjoni, l-evidenza fl-ilment indikat korrelazzjoni bejn l-importazzjonijiet mill-Indja u s-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni u b'hekk rabta kawżali. Għalhekk, ġew miċħuda dawn l-argumenti.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1617 tat-8 ta' Awwissu 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2011 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-kejbils fibrottiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 199, 9.8.2023, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1617/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2011, il-premessa (617).

(35) L-ilment analizza wkoll kawżi oħra possibbli ta' dannu, jiġifieri l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra; l-importazzjonijiet miċ-Ċina, u l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Ġiet miċħuda l-affermazzjoni li saret minn Birla, HFCL, u STL li l-importazzjonijiet tal-istess prodott miċ-Ċina kkawżaw id-dannu. Miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet miċ-Ċina ġew imposti f'Novembru 2021 u emendati f'Awwissu 2023 wara investigazzjoni ta' kontra l-assorbiment ([8]), u miżuri kompensatorji f'Jannar 2022 ([9]). Filwaqt li l-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina għadu għoli, l-impożizzjoni tal-miżuri kellha l-effett li tnaqqas il-volum tal-importazzjonijiet wara l-ewwel trimestru tal-2022. Is-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi tal-OFC naqas minn 36,6 % fl-2022 għal 33 % fil-perjodu ta' investigazzjoni użat fl-ilment. Barra minn hekk, skont l-istatistika TARIC, il-volum tal-importazzjonijiet tal-OFC miċ-Ċina naqas sostanzjalment b'57 % bejn ir-raba' trimestru tal-2021 (310 249 km ta' kejbils) u l-ewwel trimestru tal-2023 (133 164 km ta' kejbils), filwaqt li l-prezzijiet bdew jiżdiedu biss fit-tielet trimestru tal-2022. In-nuqqas ta' żieda suffiċjenti u fit-tul fil-prezzijiet ġiet indirizzata mill-investigazzjoni ta' kontra l-assorbiment imsemmija hawn fuq.

(36) Din l-analiżi u l-informazzjoni pprovduta f'dan ir-rigward tqiesu biżżejjed biex tinbeda l-investigazzjoni.

(37) Birla sostna li l-ilment naqas milli jqis l-impatt tal-miżuri fil-kuntest ekonomiku ġenerali, filwaqt li qies ukoll l-interessi tal-importaturi u tal-utenti fl-Unjoni.

(38) F'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku, l-ilmentatur ma huwiex meħtieġ li jinkludi fl-ilment tiegħu analiżi tal-aspetti ta' interess tal-Unjoni, iżda jeħtieġ li jipprovdi biss evidenza ta' dumping, dannu u rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet allegatament oġġett ta' dumping u d-dannu allegat. Għalhekk, ġie miċħud dan l-argument.

(39) STL sostna li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx definita fil-fajl mhux kunfidenzjali tal-investigazzjoni li kien jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu. Fil-fehma ta' STL la n-notifika ta' bidu u lanqas it-tweġiba tal-makrokwestjonarju ma jispeċifikaw b'mod preċiż liema produtturi tal-OFC jinkludu l-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għamlet disponibbli l-lista tal-produtturi magħrufa tal-Unjoni tal-OFC fil-fajl mhux kunfidenzjali. Għalhekk, ġiet miċħuda din l-affermazzjoni.

1.5. **Kampjunar**

(40) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni indikat li hija tista' tieħu kampjuni mill-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

(41) Fin-Notifika tal-Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet għażlet kampjun proviżorju ta' produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet kampjun rappreżentattiv fuq il-bażi tal-akbar volum ta' produzzjoni u bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni li żgura wkoll firxa ġeografika kbira. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-volum totali stmat tal-produzzjoni u aktar minn 75 % tal-bejgħ totali stmat tal-prodott simili fl-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju. Ma wasal l-ebda kumment dwar il-kampjun proviżorju, u dan ġie kkonfermat bħala l-kampjun finali.

Kampjunar tal-importaturi

(42) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1617.

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2022/72 tat-18 ta' Jannar 2022 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' kejbils fibrottiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2011 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' kejbils fibrottiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 12, 19.1.2022, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/72/oj).

(43) Importatur mhux relatat ipprovda l-informazzjoni mitluba u qabel li jiġi inkluż fil-kampjun. Minħabba l-għadd żgħir ta' tweġibiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx meħtieġ il-kampjunar. Ma wasal l-ebda kumment.

Kampjunar tal-produtturi esportaturi fl-Indja

(44) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fl-Indja jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Indja għall-Unjoni Ewropea tidentifika u/jew tagħmel kuntatt ma' produtturi esportaturi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(45) Ħdax-il produttur esportatur li jappartjenu għal disa' gruppi fil-pajjiż ikkonċernat ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tliet gruppi ta' produtturi esportaturi fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Il-gruppi ta' produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw aktar minn 80 % tal-esportazzjonijiet totali tal-kejbils fibrottiċi mill-Indja lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kollha u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun.

(46) Ma wasal l-ebda kumment dwar il-kampjun.

1.6. **Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika**

(47) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, lit-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, lill-importatur li wieġeb għall-formola tal-kampjunar u lill-utenti magħrufa. L-istess kwestjonarji saru disponibbli online ([10]) fil-jum tal-bidu. Il-Kummissjoni bagħtet ukoll kwestjonarju fejn talbet il-makroindikaturi tal-industrija tal-Unjoni lill-ilmentatur.

(48) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għal determinazzjoni proviżorja ta' dumping, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fl-uffiċċji tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni:

— Acome S. A. (Franza)

— Corning Optical Communications Sp. z o.o. (il-Polonja), u l-kumpaniji relatati tagħha Corning Pouyet SAS (Franza), Corning Optical Communication GmbH & Co. KG. (il-Ġermanja), Corning Optical Communications, S.r.l. (l-Italja), u Corning Optical Communications, S.L. (Spanja).

Il-produtturi esportaturi fl-Indja:

MP Birla Group:

— Birla Cable Ltd, Rewa ("BCL")

— Universal Cables Ltd, Goa ("UCL")

— Vindhya Telelinks Ltd, Rewa ("VTL")

HFCL Group:

— HFCL Ltd, Hyderabad ("HFCL")

— HTL Limited, Chennai ("HTL")

STL Group:

([10]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2692.

— Sterlite Technologies Ltd, Rakholi (“STL”)

— Sterlite Tech Cables Solutions Ltd, Aurangabad (“STCS”).

(49) Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet kontroverifika mill-bogħod tat-tweġiba għall-kwestjonarju pprovduta mill-kumpanija inkluża fil-kampjun Prysmian S.p.A., u l-kumpaniji relatati tagħha (id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands, ir-Rumanija, Spanja, l-Iżvezja), u tat-tweġiba tal-makrokwestjonarju pprovduta mill-ilmentatur.

1.7. **Perjodu ta’ investigazzjoni u perjodu ta’ analiżi**

(50) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta’ Ottubru 2022 sat-30 ta’ Settembru 2023 (“il-perjodu ta’ investigazzjoni”). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2020 sat-tmiem tal-perjodu ta’ investigazzjoni (“il-perjodu ta’ analiżi”).

2. PRODOTT TAĦT INVESTIGAZZJONI, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

2.1. **Prodott taħt investigazzjoni**

(51) Il-prodott taħt investigazzjoni huwa kejbils tal-fibrottika b’modalità waħda, magħmula minn fibra waħda jew aktar miksija individwalment, b’kisi protettiv, kemm jekk fihom kondutturi elettriċi kif ukoll jekk le, ikkonnettjati jew le.

(52) Il-prodotti li ġejjin huma esklużi:

(a) kejbils ta’ inqas minn 500 metru fit-tul li fihom il-fibrottiċi kollha jkunu mgħammrin individwalment b’konnetturi operazzjonali f’estremità waħda jew fiż-żewġ estremitajiet; u

(b) kejbils għall-użu sottomarin, iżolati bil-plastik, li fihom konduttur tar-ram jew tal-aluminju, li fihom il-fibri jinsabu f’modulu/i tal-metall.

(53) Il-kejbils fibrottiċi jintużaw bħala mezz ta’ trażmissjoni ottika fin-networks tat-telekomunikazzjoni f’networks ta’ distanzi twal, tal-metro, u ta’ aċċess.

2.2. **Prodott ikkonċernat**

(54) Il-prodott ikkonċernat huwa l-prodott taħt investigazzjoni li joriġina mill-Indja, li bħalissa jaqa’ taħt il-kodiċi NM ex 8544 70 00 (il-kodiċijiet TARIC 8544 70 00 10 u 8544 70 00 91) (“il-prodott ikkonċernat”).

2.3. **Prodott simili**

(55) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— il-prodott taħt investigazzjoni prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tal-Indja; u

— il-prodott taħt investigazzjoni prodott u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(56) F’dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma għalhekk prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.4. **Affermazzjonijiet rigward l-ambitu tal-prodott**

(57) Il-Kummissjoni rċeviet talba għal kjarifika tal-ambitu tal-prodott minn produttur esportatur wieħed, jiġifieri Aksh Optifibre Limited (“Aksh”).

(58) Aksh sostna li f'każ li l-kejbils fibrottiċi ma jkunux magħmula minn fibri miksijin individwalment, jenħtieġ li jiġu eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni, f'konformità mad-definizzjoni tal-prodott fin-Notifika tal-Bidu. F'dan ir-rigward, il-kumpanija argumentat li "kisja" jenħtieġ li tinftiehem bħala "kwalunkwe saff li jkopri jew jaqbel mill-qrib ma' xi ħaġa għall-protezzjoni". Aksh sostna li l-fibri kollha li mhumiex miksija individwalment f'din it-tifsira jaqgħu taħt l-intestatura HS 9001 ("kejbils ta' fibri ottiċi ħlief dawk tal-intestatura HS 8544") u mhumiex soġġetti għal din l-investigazzjoni. Dan il-produttur esportatur argumenta li d-deskrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott fl-ilment, madankollu, tkun ambigwa minħabba li speċifikat li l-fibri ottiċi huma koperti minn tubi/moduli u ġakketta waħda jew ġkieket multipli għall-protezzjoni tal-fibra, u b'hekk ma rreferitx espliċitament għall-"kisi". Dan il-produttur esportatur sostna wkoll li l-fibrottiċi mhux miksijin individwalment jintużaw ukoll f'applikazzjonijiet differenti bħal networks ta' distanzi twal u tal-metro, filwaqt li l-fibrottiċi b'fibri miksijin individwalment ma jintużawx f'dawn l-applikazzjonijiet.

(59) HFCL u Birla qablu ma' Aksh li l-fibrottiċi mhux miksijin individwalment jenħtieġ li jiġu eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-investigazzjoni. Biex isostni l-interpretazzjoni tagħhom ta' dak li jikkostitwixxi "kisja individwali", huma bbażaw ruħhom fuq sentenza tal-21 ta' Novembru 2017 tat-Tribunal tal-Appell Indjan fil-kawża Commissioner of Customs (Import) Mumbai vs Vodafone Essar Gujarat Ltd. ([11]), li kienet tikkonċerna l-klassifikazzjoni doganali ta' ċerti OFC importati fl-Indja. L-awtorità Indjana qieset id-definizzjoni tat-terminu "miksi individwalment" u sabet li "'kisja' hija xi ħaġa differenti minn 'passata'".

(60) Europacable ma qablitx mal-produtturi esportaturi Indjani u argumentat li l-passata protettiva applikata għal qalba tal-fibra tal-ħġieġ ġeneralment titqies bħala "fibra miksija individwalment", fehma li tkun ikkonfermata wkoll min-Nota ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ([12]) dwar il-kodiċi NM 8544 70 00, li tistabbilixxi li l-qalba tal-fibra tal-ħġieġ u l-kisi huma protetti minn "kisja interna ta' passata tal-akrilat artab" u "kisja ta' barra ta' passata tal-akrilat iebes". Fl-aħħar nett, Europacable tenniet li l-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni attwali jkopri l-OFC li jintużaw, fost oħrajn, f'networks ta' distanzi twal, tal-metro, u ta' aċċess, b'kuntrast ma' dak li ġie sostnut minn Aksh.

(61) Il-Kummissjoni qieset li l-interpretazzjoni tal-produtturi esportaturi Indjani tat-terminu "fibri miksijin individwalment" ma kinitx tikkorrispondi mal-fehim fl-Unjoni Ewropea, kif iċċarat fin-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea. Minbarra dak li l-Kummissjoni diġà fakkret hawn fuq fil-premessa (18), deċiżjoni ta' awtorità barranija, bħat-Tribunal tal-Appell Indjan, tibni fuq il-liġi barranija u għalhekk ma jistax ikollha effett fuq l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt doganali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, ġew miċħuda l-affermazzjonijiet li saru mill-produtturi esportaturi Indjani f'dan ir-rigward.

3. DUMPING

3.1. **Valur normali**

(62) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' kull produttur esportatur li kkoopera inkluż fil-kampjun kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk it-total tal-volum ta' bejgħ domestiku tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur ikun jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ mill-esportazzjoni tiegħu tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-bejgħ totali minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun tal-prodott simili fis-suq domestiku tqies bħala rappreżentattiv.

(63) Imbagħad, il-Kummissjoni identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħin fuq livell domestiku li kienu identiċi jew komparabbli għat-tipi ta' prodotti mibjugħin għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni għall-produtturi esportaturi b'bejgħ domestiku rappreżentattiv.

([11]) Riprodotta fl-Anness tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-preżentazzjoni ta' HFCL tat-2 ta' Jannar 2024 u fl-Anness 2 tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-preżentazzjoni ta' Birla tat-2 ta' Jannar 2024.

([12]) ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.

(64) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun fis-suq domestiku tiegħu għal kull tip ta' prodott li huwa identiku jew komparabbli ma' tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott ikun rappreżentattiv jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ mill-esportazzjoni tal-prodott identiku jew komparabbli lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni stabbiliet li l-bejgħ domestiku ta' ċerti tipi ta' prodotti ma kienx rappreżentattiv għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

(65) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefiniet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lill-konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni biex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku attwali għall-kalkolu tal-valur normali, f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(66) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ huwiex profitabbli jew le, jekk:

(a) il-volum ta' bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li huwa daqs jew ogħla mill-kost ikkalkolata tal-produzzjoni, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum ta' bejgħ totali ta' dan it-tip ta' prodott; u

(b) il-prezz medju ponderat tal-bejgħ ta' dak it-tip ta' prodott ikun ugwali għal jew ogħla mill-kost ta' unità tal-produzzjoni.

(67) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-PI.

(68) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku bi profitt tat-tipi ta' prodotti biss matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jekk:

(a) il-volum ta' bejgħ bi profitt tat-tip tal-prodott jirrappreżenta 80 % jew inqas mill-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip jew

(b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun inqas mill-kost ta' unità tal-produzzjoni.

(69) L-analiżi tal-kwantità tal-bejgħ domestiku wriet li, skont it-tip ta' prodott u l-produttur esportatur, 3 % sa 97 % tal-bejgħ domestiku kollu kienu profittabbli u li l-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien, sakemm aktar minn 5 % tal-bejgħ domestiku tat-tip ta' prodott rispettiv kien profittabbli, ogħla mill-kost tal-produzzjoni. Għaldaqstant, il-valur normali ġie kkalkolat bħala medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu matul il-perjodu ta' investigazzjoni jew medja ponderata tal-bejgħ bi profitt biss.

(70) Għal ċerti tipi ta' prodotti li għalihom ma kien hemm l-ebda bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott tal-prodott simili, f'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stabbiliet il-valur normali bbażat fuq il-prezzijiet domestiċi tal-produtturi esportaturi l-oħra, ħlief f'każijiet li fihom l-użu ta' tali prezzijiet iwassal għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali. F'tali każijiet, il-Kummissjoni bniet il-valur normali billi żiedet mal-kost tal-produzzjoni l-kostijiet medji ponderati tal-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A", selling, general and administrative) u l-profitt tat-tranżazzjonijiet kollha li saru fil-perkors ordinarju tal-kummerċ fis-suq domestiku. Ġiet ipprovduta informazzjoni dettaljata fid-divulgazzjonijiet individwali lill-produtturi esportaturi kkonċernati minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

(71) Għal ċerti tipi ta' prodotti li għalihom ma kien hemm l-ebda bejgħ jew kien hemm bejgħ insuffiċjenti ta' tip ta' prodott tal-prodott simili fil-perkors ordinarju tal-kummerċ jew fejn tip ta' prodott ma nbiegħx fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

(72) Għal ċerti tipi ta' prodotti, il-valur normali nħadem billi żdied dan li ġej mal-kost medju tal-produzzjoni tal-prodott simili tal-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

(a) l-kostijiet SG&A medji ponderati mġarrba mill-produttur esportatur li kkoopera inkluż fil-kampjun fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, matul il-PI; u

(b) il-profitt medju ponderat li jsir mill-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-perkors ordinarju tal-kummerċ, matul il-PI.

(73) Għat-tipi ta' prodotti mhux mibjugħa fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, ġew miżjuda l-kostijiet SG&A medji u l-profitt tat-tranżazzjonijiet magħmula fil-kors ordinarju tal-kummerċ fis-suq domestiku għal dawk it-tipi. Għat-tipi ta' prodotti mhux mibjugħa għalkollox fis-suq domestiku, ġew miżjuda l-kostijiet SG&A medji ponderati u l-profitt tat-tranżazzjonijiet kollha magħmula fil-perkors ordinarju tal-kummerċ fis-suq domestiku.

(74) Matul il-verifiki fuq il-post, il-grupp HFCL u l-grupp STL sostnew li l-kost tal-produzzjoni għall-OFC jenħtieġ li ma jinkludix il-profitt trasferit bejn partijiet relatati jew bejn diviżjonijiet kummerċjali li jimmanifatturaw il-prodotti nofshom lesti (bħall-ħġieġ preformat u/jew il-fibrottiċi) użati fil-produzzjoni tal-OFC. Dawn il-partijiet spjegaw li għall-prinċipji finanzjarji, kontabilistiċi jew tat-taxxa, il-prezz tat-trasferiment bejn żewġ diviżjonijiet tan-negozju kien ibbażat fuq il-prezzijiet tas-suq. Għalhekk, skont il-prezz tas-suq, il-prezz tat-trasferiment seta' kien ogħla meta mqabbel mal-kostijiet reali għall-produzzjoni tal-prodotti nofshom lesti. Iż-żewġ partijiet sostnew li l-prezz/il-valur tat-trasferiment bejn id-diviżjonijiet kummerċjali/il-partijiet relatati kienu jinkludu ċertu perċentwal tal-profitt. Il-Kummissjoni użat il-kostijiet tal-produzzjoni kif irreġistrati u rrapportati mill-kumpanija kif ivverifikat fis-sistema kontabilistika tagħha. Il-Kummissjoni qieset li dawn il-kostijiet irreġistrati kienu jirriflettu korrettament il-kostijiet relatati ma' dawn il-prodotti nofshom lesti u għalhekk ma kien hemm l-ebda bażi għal aġġustament. Għalhekk, ġiet miċħuda l-affermazzjoni.

(75) Għal kumpanija waħda fil-grupp Birla u waħda fil-grupp STL, il-kostijiet tal-SG&A kienu jinkludu wkoll kostijiet u introjtu li ma kinux marbuta mal-bejgħ tal-OFC fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, dawn il-kostijiet u l-introjtu finanzjarju ma ġewx ikkunsidrati fil-kalkolu tal-kostijiet tal-SG&A użati fid-determinazzjoni tal-valur normali. Ġew ipprovduti spjegazzjonijiet aktar dettaljati fid-divulgazzjoni individwali lil dawk il-produtturi esportaturi minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

3.2. **Prezz tal-esportazzjoni**

(76) It-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni jew direttament lil klijenti indipendenti jew permezz ta' kumpaniji relatati li jaġixxu bħala importaturi.

(77) Għall-produtturi esportaturi li esportaw il-prodott ikkonċernat direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li effettivament tħallas jew dak pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(78) Il-grupp STL sostna li s-sussidjarja relatata tiegħu li tinsab fi Franza ma kinitx qed taġixxi bħala importatur relatat iżda kellha rwol limitat fil-loġistika (jiġifieri taġixxi bħala maħżen).

(79) Madankollu, iż-żjara ta' verifika fl-Indja żvelat li l-persunal impjegat minn STL France kien qed jittratta l-operazzjonijiet ta' żdoganar, il-bejgħ tal-OFC u l-iżvilupp tas-suq Franċiż. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sussidjarja relatata kienet qed taġixxi bħala importatur relatat u kkalkolat il-prezz tal-esportazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

(80) Għaldaqstant, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni. F'dan il-każ, saru aġġustamenti fil-prezz għall-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inklużi l-kostijiet SG&A, u għall-profitti akkumulati. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn importatur mhux relatat, il-Kummissjoni qagħdet fuq il-profitt stabbilit fl-investigazzjoni taċ-Ċina għal importatur mhux relatat tal-istess prodott bħall-prodott ikkonċernat fl-investigazzjoni preżenti u li ġie divulgat f'firxiet, jiġifieri 15 %–25 % ([13]). Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża bħala profitt ta' 20 %.

(81) Barra minn hekk, il-grupp STL biegħ ukoll l-OFC lil kumpanija relatata oħra fl-istadju proviżorju, iżda l-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi l-kost tal-ipproċessar, il-kostijiet SG&A u marġni ta' profitt raġonevoli li abbażi tiegħu jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-prezzijiet tal-esportazzjoni għal dawn it-tranżazzjonijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dan il-bejgħ ma tqiesx għall-fini li jiġi stabbilit il-prezz tal-esportazzjoni fl-istadju proviżorju. Madankollu, il-Kummissjoni se tkompli tinvestiga din il-kwistjoni u tistabbilixxi dawn l-elementi fl-istadju definittiv ta' din l-investigazzjoni.

([13]) Il-premessi (28) u (367) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2011.

3.3. **Tqabbil**

(82) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fuq bażi mill-fabbrika.

(83) L-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku jeħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fl-istess livell ta' kummerċ u li tagħmel allowances għad-differenzi fil-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għażlet li tqabbel il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fil-livell tal-kummerċ mill-fabbrika. Kif spjegat aktar hawn taħt, meta xieraq, il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni ġew aġġustati sabiex: (i) dawn jiġu nnettjati lura għal-livell mill-fabbrika (ii) isiru eċċezzjonijiet għal differenzi fil-fatturi li ġew iddikjarati, u murija, li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet.

3.3.1. *Aġġustamenti magħmula għall-valur normali*

(84) Sabiex il-valur normali jiġi lura nett għal-livell tal-kummerċ mill-fabbrika, saru aġġustamenti fuq il-kont tat-trasport, il-kostijiet tal-ħażna, l-assigurazzjoni, il-kostijiet tal-immaniġġjar u t-tagħbija u l-kostijiet tal-ippakkjar.

(85) Saru allowances għall-fatturi li ġejjin li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet: kummissjoni, kostijiet tal-kreditu u imposti bankarji.

3.3.2. *Aġġustamenti magħmula għall-prezz tal-esportazzjoni*

(86) Sabiex il-prezz tal-esportazzjoni jiġi lura nett għal-livell tal-kummerċ mill-fabbrika, saru aġġustamenti fuq il-kont tat-trasport, il-kostijiet tal-ħażna, l-assigurazzjoni, il-kostijiet tal-immaniġġjar u t-tagħbija u l-kostijiet tal-ippakkjar.

(87) Saru allowances għall-fatturi li ġejjin li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet: kummissjoni, kostijiet tal-kreditu u imposti bankarji.

(88) Il-kumpaniji kollha inklużi fil-kampjun talbu aġġustamenti għall-prezz tal-esportazzjoni għar-restituzzjoni tad-dazju u għar-Remissjoni tad-Dazji u t-Taxxi fuq Prodotti Esportati (RODTEP, Remission of Duties and Taxes on Exported Products). Il-Kummissjoni nnotat li skont l-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku għandu jsir aġġustament għal tali skemi għall-valur normali, mhux għall-prezz tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, skont l-iskemi, l-esportaturi inklużi fil-kampjun irċevew rifużjonijiet tal-esportazzjoni li jiswew ċertu perċentwal tal-valur tal-fattura tal-esportazzjoni jew ċertu ammont għal kull unità ta' prodott esportat, irrispettivament minn jekk effettivament tħallsux xi dazji jew taxxi għall-materja prima użata fl-OFC esportat u f'liema ammont. Fl-aħħar nett, l-aġġustamenti mitluba ma setgħux ikunu marbuta mal-ammonti li jikkorrispondu għal kwalunkwe imposta fuq l-importazzjoni jew taxxa indiretta mġarrba mill-prodott simili u minn materjali inkorporati fiżikament fih, kif previst fl-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku. Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, ġiet miċħuda l-affermazzjoni.

3.4. **Marġnijiet tad-dumping**

(89) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(90) Fuq din il-bażi, il-marġnijiet tad-dumping medju ponderat proviżorju, espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping proviżorju
MP Birla Group	6,9 %
Sterlite Technologies Limited	11,4 %
HFCL Limited	0 %

(91) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkulat il-marġni tad-dumping medju ponderat, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dak il-marġni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-marġnijiet tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, mingħajr ma tqieset l-esportazzjoni li nstabet li ma kinitx qed twettaq dumping.

(92) Fuq din il-bażi, il-marġni tad-dumping proviżorju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun huwa ta' 9,0 %.

(93) Għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha fl-Indja, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi.

(94) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ tqies għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw koprew it-totalità tal-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx fil-livell tal-kumpanija inkluża fil-kampjun bl-ogħla marġni tad-dumping.

(95) Il-marġinijiet tad-dumping proviżorju, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping proviżorju
MP Birla Group	6,9 %
Sterlite Technologies Limited Group	11,4 %
HFCL Group	0 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw	9,0 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	11,4 %

4. DANNU

4.1. **Unità ta' kejl**

(96) Għalkemm l-istatistika uffiċjali tal-importazzjoni hija rrapportata f'kilogrammi, il-Kummissjoni qieset li din l-unità ma kinitx adattata għal kejl xieraq tal-volumi kkonċernati. L-investigazzjoni wriet li l-industrija b'mod komuni ma tużax il-piż iżda t-tul bħala indikatur ewlieni tal-volum. Dan jista' jkejjel jew it-tul tal-kejbil (km ta' kejbils), jew it-tul totali tal-fibri li jinsabu fih (km ta' fibri). Matul l-investigazzjoni dwar l-importazzjonijiet ta' kejbils fibrottiċi li joriġinaw miċ-Ċina ([14]), il-Kummissjoni qieset li l-km ta' kejbils kienu l-aktar unità xierqa ta' kejl. L-istess approċċ intuża f'dan il-każ.

4.2. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(97) Il-prodott simili kien manifatturat minn 14-il produttur jew grupp ta' produtturi fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(98) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ġiet stabbilita għal madwar 1,7 miljun km ta' kejbils.Il-Kummissjoni stabbiliet din iċ-ċifra fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, bħal informazzjoni diretta mit-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, ħames produtturi oħra tal-Unjoni li jappoġġaw l-ilment u l-informazzjoni dwar is-suq għall-bqija tal-produtturi. Kif indikat fil-premessa (41), it-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-volum totali stmat tal-produzzjoni tal-prodott simili.

([14]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2011, il-premessa (402).

4.3. **Użu kaptiv**

(99) Biex tistabbilixxi jekk l-industrija tal-Unjoni ġarrbitx dannu bħala riżultat tad-dumping u tiddetermina l-konsum u d-diversi indikaturi ekonomiċi relatati mas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni eżaminat jekk u sa liema punt l-użu sussegwenti tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili (użu kaptiv) kellu jitqies fl-analiżi.

(100) Il-Kummissjoni sabet li bejn 9 % u 13 % tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienet destinata għal użu kaptiv matul il-perjodu kkunsidrat. F'dak il-każ, il-kejbils ġew ikkonsenjati f'dipartimenti tal-istess kumpanija jew lil gruppi ta' kumpaniji għal aktar proċessar downstream, b'mod partikolari għall-produzzjoni ta' kejbils mgħammra b'konnetturi.

(101) Id-distinzjoni bejn suq kaptiv u suq ħieles hija rilevanti għall-analiżi tad-dannu minħabba li l-prodotti destinati għal użu kaptiv mhumiex esposti għal kompetizzjoni diretta mill-importazzjonijiet. B'kuntrast għal dan, il-prodotti destinati għall-bejgħ fis-suq ħieles huma f'kompetizzjoni diretta mal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat.

(102) Biex tipprovdi stampa kemm jista' jkun kompluta tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni kisbet *data* għall-attività kollha tal-fibrottika u ddeterminat jekk il-produzzjoni kinitx destinata għall-użu kaptiv jew għas-suq ħieles.

(103) Il-Kummissjoni eżaminat ċerti indikaturi ekonomiċi relatati mal-industrija tal-Unjoni fuq il-bażi tad-*data* għas-suq ħieles. Dawn l-indikaturi huma: il-volum ta' bejgħ u l-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni; tas-sehem tagħhom fis-suq; it-tkabbir; il-volum u l-prezzijiet tal-esportazzjoni; il-profittabilità; ir-redditu fuq l-investiment; u l-fluss ta' flus. Meta possibbli u ġustifikat, is-sejbiet tal-eżami tqabblu mad-*data* għas-suq kaptiv sabiex tiġi pprovduta stampa sħiħa tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(104) Madankollu, indikaturi ekonomiċi oħra jistgħu jiġu eżaminati b'mod sinifikanti biss billi ssir referenza għall-attività kollha kemm hi, inkluż l-użu kaptiv tal-industrija tal-Unjoni ([15]). Dawn huma: il-produzzjoni; il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità; l-investimenti; l-istokks; l-impjieg; il-produttività; il-pagi; u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital. Huma jiddependu mill-attività kollha kemm hi, kemm jekk il-produzzjoni tkun kaptiva kif ukoll jekk tinbiegħ fis-suq ħieles.

4.4. **Konsum tal-Unjoni**

(105) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni fuq il-bażi tal-bejgħ li sar mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni kif iddeterminat mill-ilmentatur flimkien mad-*data* dwar l-importazzjoni mill-Indja stabbilita f'konformità mal-metodoloġija deskritta fit-Taqsima 4.6.1.

(106) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra ġew stabbiliti fuq il-bażi tad-*data* tal-Eurostat. Peress li l-Eurostat jidentifika l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat f'kg, l-importazzjonijiet ġew ikkonvertiti f'km ta' kejbils f'konformità mal-premessa (96) bl-użu tal-istess fattur ta' konverżjoni li ġie applikat għall-produtturi esportaturi Indjani.

(107) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 2

Konsum tal-Unjoni (km ta' kejbils)

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Konsum totali tal-Unjoni (ħieles u kaptiv)	2 388 549	2 744 968	2 578 597	2 480 978
Indiċi	*100*	*116*	*108*	*104*

([15]) Dawn l-indikaturi kienu bbażati fuq *data* diretta miġbura mill-ilmentatur dwar it-8 produttur tal-Unjoni li lmentaw jew appoġġjaw, li jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni tal-Unjoni fil-PI, flimkien ma' stima għall-bqija tal-produtturi tal-Unjoni abbażi tar-riċerka u l-informazzjoni dwar is-suq.

Suq kaptiv	139 500	141 971	212 803	205 264
Indiċi	*100*	*88*	*145*	*145*
Suq ħieles	2 249 049	2 602 997	2 365 795	2 275 714
Indiċi	*100*	*116*	*105*	*101*

Sors: Il-produtturi esportaturi li kkooperaw, l-Eurostat, l-ilmentatur.

(108) Il-konsum totali tal-Unjoni, inklużi dawk liberi u kaptiv, żdied b'16 % bejn l-2020 u l-2021 minn madwar 2,4 miljuni km ta' kejbils fl-2020 għal madwar 2,7 miljuni km ta' kejbils fl-2021. Bejn l-2022 u l-perjodu ta' investigazzjoni, naqas b'madwar 4 % għal madwar 2,5 miljun km ta' kejbils. Iż-żieda fil-konsum fl-2021 tista' tiġi spjegata minn effett ta' rkupru wara t-tfixkil b'rabta mal-pandemija tal-COVID-19.

(109) Is-suq kaptiv huwa magħmul mill-użu tal-OFC f'soluzzjonijiet ta' konnettività offruti mill-kumpaniji, inklużi kejbils mgħammra b'konnetturi. Il-volumi kienu 9 % tal-konsum totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-bejgħ kaptiv wera żieda ta' 45 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(110) Il-konsum tas-suq ħieles żviluppa f'konformità mal-konsum totali tal-Unjoni. Fl-2021 dan żdied bi 15 %, segwit minn tnaqqis ta' 9,5 % fl-2022 u żieda fil-perjodu ta' investigazzjoni b'5,7 %. Kien hemm żieda ta' 1 % mill-2020 sal-perjodu ta' investigazzjoni.

4.5. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

4.5.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(111) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet mill-Indja abbażi tat-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u l-informazzjoni pprovduta mill-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Kif imsemmi fil-premessa (96), l-unità ta' kejl użata kienet km ta' kejbils. Fuq din il-bażi, il-volum tal-importazzjonijiet mill-Indja fil-perjodu ta' investigazzjoni kien jikkostitwixxi 113 % tal-importazzjonijiet Indjani totali rrapportati mill-Eurostat għall-istess perjodu.

(112) Europacable talbet lill-Kummissjoni biex, fid-determinazzjoni tal-volumi tal-importazzjoni mill-Indja, tinkludi wkoll l-importazzjonijiet iddikjarati taħt il-kodiċi tal-komoditajiet 9001 10, filwaqt li sostniet li l-produtturi esportaturi Indjani jiddikjaraw b'mod żbaljat l-importazzjonijiet tal-OFC taħt dan il-kodiċi. Il-fatt li l-volumi tal-importazzjoni ddikjarati mill-produtturi esportaturi Indjani qabżu l-volumi rreġistrati taħt il-kodiċi NM 8544 70 00 u l-kodiċijiet TARIC 8544 70 00 10 u 8544 70 00 91 jista' jkun indikazzjoni ta' tali dikjarazzjonijiet żbaljati. Madankollu, minħabba l-kooperazzjoni għolja li waslet mill-produtturi esportaturi fl-Indja, il-kwantitajiet tal-importazzjoni mill-Indja ġew identifikati b'livell għoli ta' preċiżjoni, irrispettivament mill-kodiċijiet NM li taħthom ġew iddikjarati. Għalhekk, ġiet miċħuda din l-affermazzjoni.

(113) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet totali mill-Indja ġie stabbilit fuq il-bażi tal-volum tal-importazzjoni meta mqabbel mal-volum tal-konsum totali tas-suq ħieles muri fit-Tabella 2.

(114) Kif deskritt fil-premessa (90) instab dumping sinifikanti għal tnejn mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Għalhekk, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-importazzjonijiet Indjani oġġett ta' dumping u dawk mhux oġġett ta' dumping fl-analiżi ulterjuri. B'hekk, l-effett tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni huwa indirizzat hawn taħt, filwaqt li l-effett tal-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping huwa eżaminat taħt aspetti ta' kawżalità fil-premessi (182) u (183). B'hekk, l-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping huma ppreżentati u diskussi fit-Tabella 12 hawn taħt.

(115) Il-volum tal-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-grupp HFCL ammonta għal [25–35 %] tal-importazzjonijiet totali mill-Indja fil-perjodu ta' investigazzjoni. Biex tistabbilixxi jekk is-sejbiet fir-rigward ta' din il-kumpanija setgħux jiġu estiżi għall-importazzjonijiet kollha mhux inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet ta' HFCL mal-prezzijiet mill-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Abbażi tal-informazzjoni ppreżentata fil-formoli tal-kampjunar u fit-tweġiba għall-kwestjonarju, il-prezz medju tal-esportazzjoni ta' HFCL kien [5–15 %] ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni tal-ħames esportaturi Indjani mhux inklużi fil-kampjun li ppreżentaw tweġibiet għall-kampjunar. Il-volum totali tal-esportazzjoni ta' dawk il-kumpaniji kien jammonta għal 15 % tal-importazzjonijiet kollha mill-Indja lejn l-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li ma setgħetx testendi s-sejbiet ta' nuqqas ta' dumping fir-rigward tal-grupp HFCL għall-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun.

(116) L-importazzjonijiet oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

Volum ta' importazzjoni oġġett ta' dumping u sehem mis-suq

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat (km ta' kejbil)	[48 300–58 500]	[76 300–92 400]	[136 700–165 500]	[136 700–165 400]
Indiċi	*100*	*158*	*283*	*283*
Sehem mis-suq	[2–3]	[2–4]	[5–7]	[6–8]
Indiċi	*100*	*136*	*269*	*279*

Sors: Il-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun u mhux inklużi fil-kampjun, l-Eurostat.

(117) L-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja wrew żieda qawwija matul il-perjodu kkunsidrat minn [48 300–58 500] km ta' kejbils fl-2020 għal [136 700–165 400] km ta' kejbils fil-perjodu ta' investigazzjoni. Din iż-żieda ta' 183 % taqbeż bil-bosta l-iżvilupp fuq il-konsum u turi l-kobor tal-penetrazzjoni tas-suq mill-importazzjonijiet Indjani.

(118) B'riżultat ta' dan, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping żdied minn [2–3] % għal [6–8] % matul il-perjodu kkunsidrat, żieda qawwija ta' 181 %. Jenħtieġ li jiġi nnotat li l-volumi tal-importazzjonijiet Indjani li huma l-oġġett ta' dumping żdiedu b'mod partikolari fil-perjodu 2020–2022.

4.5.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat, twaqqigħ tal-prezz u soppressjoni tal-prezzijiet*

(119) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq il-bażi tat-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u l-informazzjoni pprovduta mill-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. It-twaqqigħ tal-prezz tal-importazzjonijiet ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet CIF għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u t-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(120) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 4

Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/km ta' kejbils)

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
L-Indja	1 015	593	574	548
Indiċi	*100*	*58*	*57*	*54*

Sors: Produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun u mhux inklużi fil-kampjun.

(121) Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja naqsu minn EUR 1 015 għal 548/km ta' kejbils matul il-perjodu kkunsidrat, tnaqqis ta' 46 %. Bl-eċċezzjoni tal-2020, il-prezzijiet Indjani kienu b'mod konsistenti taħt il-prezz tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat (ara t-Tabella 8).

(122) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(1) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun li ġew iddebitati l-konsumaturi mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell tal-prezz mill-fabbrika; u

(2) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Indjani li kkooperaw inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' Kost, assigurazzjoni u nol (CIF, Cost, insurance, freight), b'aġġustamenti xierqa għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(123) Meta il-prezz tal-esportazzjoni ġie aġġustat skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku għall-kalkolu tad-dumping, għall-kalkolu tal-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz u tad-dannu, il-prezz tal-esportazzjoni ("CIF maħdum") ġie kkalkulat fuq il-bażi tal-valur tal-fattura lill-ewwel klijent indipendenti, li minnu tnaqqsu l-konċessjonijiet relatati mal-importazzjoni għall-punt CIF, kif ukoll l-SG&A u l-profitt tal-importatur relatat, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku b'analoġija, kif permess mill-ġurisprudenza ([16]).

(124) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għal tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, aġġustati kif xieraq fejn meħtieġ, u wara tnaqqis ta' ribassi u skontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwali tal-fatturat teoretiku tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għaż-żewġ produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li nstabu li kienu qed iwettqu dumping, dan wera marġni ta' twaqqigħ tal-prezz ta' 37 % u 46 %, rispettivament.

(125) Fi kwalunkwe każ, irrispettivament mis-sejbiet tat-twaqqigħ tal-prezz, il-Kummissjoni sabet li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping naqqsu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-Unjoni, li naqsu matul il-perjodu kkunsidrat filwaqt li l-kost tal-produzzjoni żdied b'mod kostanti. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha għal-livelli meħtieġa biex tagħmel profitti raġonevoli, kif muri mil-livelli ta' bejgħ taħt il-prezz misjuba matul il-PI.

4.6. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.6.1. *Kummenti ġenerali*

(126) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

([16]) Sentenza fil-Kawża T-865/19, AO Nevinnomysskiy Azot *et* vs Il-Kummissjoni, EU:T:2022:559, punti 238-239, ikkonfermata fil-Kawża C-725/22 P, AO Nevinnomysskiy Azot *et* vs Il-Kummissjoni, EU:C:2024:217.

(127) Biex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* li tinsab fit-tweġiba għall-kwestjonarju ppreżentata mill-ilmentatur li tkopri d-*data* relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* li tinsab fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Id-*data* relatata mal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(128) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum ta' bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, il-kobor tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(129) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet unitarji medji, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabilità, il-flussi ta' flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.6.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.6.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(130) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 5

Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-produzzjoni (km ta' kejbils)	1 441 476	1 694 627	1 755 090	1 730 822
Indiċi	*100*	*118*	*122*	*120*
Kapaċità tal-produzzjoni (km ta' kejbils)	2 475 938	2 605 845	2 678 345	2 796 286
Indiċi	*100*	*105*	*108*	*113*
Użu tal-kapaċità (%)	58	65	66	62
Indiċi	*100*	*112*	*113*	*106*

Sors: Makrokwestjonarju vverifikat.

(131) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied minn madwar 1,4 miljun km ta' kejbils għal madwar 1,7 miljun km ta' kejbils, jiġifieri b'mod ġenerali b'20 %. Analiżi aktar dettaljata wriet li ż-żieda fil-volum tal-produzzjoni seħħet prinċipalment mill-2020 sal-2021 fejn kibret bi 18 %, kompliet tiżdied bi ftit b'4 % fl-2022, filwaqt li reġgħet naqset b'1 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(132) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet bi 13 % li jirrifletti l-investimenti li saru minn xi whud mill-produtturi tal-Unjoni. Minkejja ż-żieda, il-livelli ta' investiment baqgħu b'mod ġenerali f'livelli baxxi ħafna u kienu fil-minimu meħtieġ biex tinżamm il-preżenza fis-suq tal-industrija tal-Unjoni.

(133) L-użu tal-kapaċità żdied bi 13 % matul il-perjodu mill-2020 sal-2022, segwit minn tnaqqis ta' 4 punti perċentwali fil-perjodu ta' investigazzjoni, li huwa dovut għat-tnaqqis fil-produzzjoni matul l-istess perjodu.

4.6.2.2. Volum ta' bejgħ u sehem mis-suq

(134) Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 6

Volum ta' bejgħ u sehem mis-suq

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum totali ta' bejgħ fis-suq tal-Unjoni (ħieles u kaptiv) (km ta' kejbils)	1 023 831	1 185 920	1 212 812	1 244 041
Indiċi	*100*	*116*	*118*	*122*
Bejgħ fis-suq kaptiv (km ta' kejbils)	139 500	141 971	212 803	205 264
Indiċi	*100*	*102*	*153*	*147*
Sehem mis-suq tal-bejgħ tas-suq kaptiv bħala % tas-suq ħieles (%)	6,4	5,6	9,3	9,3
Indiċi	*100*	*88*	*146*	*146*
Bejgħ fis-suq ħieles (km ta' kejbils)	884 331	1 043 949	1 000 009	1 038 777
Indiċi	*100*	*118*	*113*	*117*
Sehem mis-suq tal-bejgħ fis-suq ħieles (%)	40,4	41,3	43,7	47,2
Indiċi	*100*	*102*	*108*	*117*

Sors: Makrokwestjonarju vverifikat.

(135) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum totali tal-bejgħ tal-Unjoni tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles u kaptiv żdied minn madwar 1 miljun km ta' kejbils fl-2020 għal aktar minn 1,2 miljun km ta' kejbils fil-perjodu ta' investigazzjoni, jiġifieri bi 22 %.

(136) Il-volum ta' bejgħ tal-Unjoni fis-suq ħieles żdied minn madwar 880 000 km ta' kejbils fl-2020 għal madwar 1 040 000 km ta' kejbils fil-perjodu ta' investigazzjoni, jiġifieri bi 17 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan issarraf f'żieda fis-sehem mis-suq minn 40,4 % fl-2020 għal 47,2 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(137) Iż-żieda fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat trid titqies għal żewġ fatturi ewlenin: (i) is-soppressjoni tal-prezzijiet imġarrba mill-produtturi tal-Unjoni (ara t-Taqsima 5.1) u (ii) l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi tal-OFC f'Novembru 2021. F'perjodu ta' konsum kważi stabbli, is-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni reġa' nkiseb kważi esklużivament kontra l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping. Kif spjegat hawn taħt fit-Taqsima 4.6.2.3, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika bis-sħiħ mill-effett ta' rimedju tad-dazji anti-dumping kontra ċ-Ċina peress li parti sinifikanti tal-bejgħ Ċiniż ittieħdet mill-importazzjonijiet Indjani oġġett ta' dumping.

(138) Is-suq kaptiv tal-industrija tal-Unjoni (espress bħala perċentwal tal-konsum tas-suq ħieles) wera xejra ta' żieda matul il-perjodu kkunsidrat minn 6,2 % fl-2020 għal 9,0 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Is-suq kaptiv huwa l-OFC li ntużaw għal skop ta' konnettività (kejbils li jinżlu minn fuq għal isfel, kejbils ġol-bini u kejbils taċ-ċentri tad-*data*). Hemm domanda akbar fis-suq konness, u għalhekk iż-żieda fl-użu kaptiv tal-OFC. Minħabba l-prezzijiet ogħla ta' dawn il-prodotti u l-kapaċità żejda disponibbli, l-industrija tal-Unjoni tagħżel li żżomm in-negozju ta' użu kaptiv peress li jippermetti li ssir distinzjoni bejn il-prodotti, jiżdied l-użu tal-kapaċità u jitnaqqas il-kost ta' unità u kellu impatt pożittiv fuq il-profittabilità ġenerali tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, ma kellha l-ebda impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni ekonomika ġenerali tal-Industrija tal-Unjoni.

4.6.2.3. Tkabbir

(139) Minkejja l-miżuri anti-dumping fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet tal-OFC li joriġinaw miċ-Ċina, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tikseb mill-ġdid sehem sinifikanti mis-suq. Għalkemm is-sehem mis-suq Ċiniż tnaqqas b'mod konsiderevoli minn 37.5 % għal 22.6 %, dan ittieħed mill-importazzjonijiet Indjani oġġett ta' dumping u mhux oġġett ta' dumping, li żdiedu b'mod sinifikanti minn 2.3 % għal 6.3 %. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika bis-sħiħ mill-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ekwivalenti mal-importazzjonijiet Ċiniżi u ma tħallietx iżżid il-volumi tal-produzzjoni u tal-bejgħ tagħha skont dan.

4.6.2.4. Impjiegi u produttività

(140) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7

Impjiegi u produttività

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Għadd ta' impjegati (FTE)	4 559	4 970	5 136	5 141
Indiċi	*100*	*109*	*113*	*113*
Produttività (km ta' kejbils/FTE)	316	341	342	337
Indiċi	*100*	*108*	*108*	*106*

Sors: Makrokwestjonarju vverifikat.

(141) L-impjiegi tal-industrija tal-Unjoni żdiedu bi 13 % mill-2020 sal-perjodu ta' investigazzjoni fuq bażi FTE. Dan l-iżvilupp isegwi x-xejra fil-volum ta' produzzjoni muri fit-Tabella 5.

(142) Billi ċ-ċifri għall-produzzjoni u l-impjiegi kienu jirriflettu lil xulxin mill-qrib, il-produttività f'termini ta' km ta' kejbils għal kull impjegat baqgħet fil-biċċa l-kbira stabbli.

4.6.2.5. Kobor tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(143) Il-marġnijiet tad-dumping tal-importazzjonijiet Indjani oġġett ta' dumping li jkopru [6–8] % tas-sehem mis-suq kienu ogħla b'mod sinifikanti mil-livell *de minimis*. L-impatt tal-kobor tal-marġnijiet tad-dumping attwali fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, minħabba l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

(144) L-OFC diġà kienu soġġetti għal investigazzjoni anti-dumping. Miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet miċ-Ċina ġew imposti f'Novembru 2021 u emendati f'Awwissu 2023 wara investigazzjoni ta' kontra l-assorbiment (l-"investigazzjoni ta' kontra l-assorbiment") ([17]). Matul l-ewwel nofs tal-perjodu kkunsidrat, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, inkluż il-livell ta' profittabilità tagħha, kienet għadha affettwata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina, kif diskuss fit-Taqsima 5 hawn taħt. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika bis-sħiħ mill-effett ta' rimedju tad-dazji fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi minħabba l-assorbiment, mill-esportaturi Ċiniżi, tad-dazji anti-dumping inizjali u ż-żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping Indjani, kif spjegat hawn taħt fil-premessa (173).

4.6.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.6.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(145) Il-prezzijiet medji ponderati ta' bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

([17]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1617.

Tabella 8

Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/km ta' kejbils)	692	655	667	671
Indiċi	*100*	*95*	*96*	*97*
Kost medju ta' unità tal-produzzjoni (EUR/km ta' kejbils)	608	578	648	662
Indiċi	*100*	*95*	*107*	*109*

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(146) Il-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni lil partijiet mhux relatati (is-suq ħieles) naqsu bejn l-2020 u l-2021 b'5 % u żdiedu bi ftit fis-snin ta' wara, madankollu mingħajr ma laħqu l-livelli tal-2020.

(147) Għalkemm il-kost ta' unità tal-produzzjoni naqas fil-perjodu 2020–2021 b'5 %, f'konformità mal-prezzijiet medji fis-suq ħieles tal-Unjoni, dan wera żieda fil-perjodu 2021-PI (jiġifieri b'14,5 %), filwaqt li l-prezzijiet tal-bejgħ żdiedu biss bi 2,4 %. Iż-żieda fil-kost bejn l-2021 u l-PI kienet prinċipalment dovuta għal żidiet fil-prezzijiet tal-materja prima u l-kostijiet tal-impjiegi f'konformità mal-iżviluppi inflazzjonarji.

4.6.3.2. Kostijiet lavorattivi

(148) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	30 314	30 797	32 569	35 384
Indiċi	*100*	*102*	*107*	*117*

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(149) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat urew żieda kostanti matul il-perjodu kkunsidrat. Dan jirrifletti l-kostijiet addizzjonali tal-forza tax-xogħol, inklużi l-aġġustamenti għall-inflazzjoni.

4.6.3.3. Inventarji

(150) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10

Inventarji

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Stokks tal-għeluq (km ta' kejbils)	51 590	55 261	44 930	62 559
Indiċi	*100*	*107*	*87*	*121*
Stokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni	3,6 %	3,3 %	2,6 %	3,6 %
Indiċi	*100*	*91*	*72*	*101*

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(151) L-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun varjaw iżda b'mod ġenerali żdiedu b'21 % fil-perjodu kkunsidrat. Minħabba li l-maġġoranza tal-produzzjoni ssir abbażi tal-ordnijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tal-klijenti, l-inventarji ma jikkostitwixxux indikatur sinifikanti tad-dannu.

4.6.3.4. Profittabilità, fluss ta' flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital

(152) Il-profittabilità, il-fluss ta' flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11

Profittabilità, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	12,7	10,7	3,9	3,4
Indiċi	*100*	*84*	*31*	*27*
Fluss ta' flus (EUR)	74 368 597	65 137 408	36 942 692	38 047 732
Indiċi	*100*	*88*	*50*	*51*
Investimenti (EUR)	11 062 374	5 557 882	9 359 958	15 934 927
Indiċi	*100*	*50*	*85*	*144*
Redditu fuq l-investimenti (%)	31	30	13	18
Indiċi	*100*	*96*	*41*	*57*

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(153) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(154) Il-profittabilità naqset kontinwament matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u naqset minn 12,7 % fl-2020 għal 3,4 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-aktar tnaqqis sinifikanti fil-profittabilità seħħ fit-2022 b'mod parallel ma' żieda sinifikanti fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping Indjani minn [2–3] % għal [6–8] %. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-kost tal-industrija tal-Unjoni żdied b'9 % filwaqt li l-prezzijiet tal-bejgħ naqsu bi 3 %, li huwa dovut għall-pressjoni fuq il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Indjani oġġett ta' dumping.

(155) Il-fluss ta' flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Ix-xejra fil-fluss ta' flus nett żviluppat f'konformità max-xejra fil-profittabilità u wriet tnaqqis qawwi matul il-perjodu kkunsidrat ta' madwar 50 %.

(156) L-investimenti naqsu b'mod sostanzjali bejn l-2020 u l-2021 b'madwar 50 %. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-livell tal-investimenti seta' jiġi rkuprat u saħansitra żdied b'44 % meta mqabbel mal-2020. Madankollu, l-investimenti baqgħu b'mod ġenerali f'livelli baxxi mill-bidu tal-perjodu kkunsidrat u saru prinċipalment biex isiru kisbiet fl-effiċjenza, biex jinżammu l-faċilitajiet eżistenti u biex jitwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp. Bħala riżultat dirett tal-pressjoni minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping, l-industrija tal-Unjoni kellha tipposponi l-investimenti.

(157) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Ir-redditu fuq l-investimenti żviluppa b'mod negattiv matul il-perjodu kkunsidrat u naqas bi 43 %. Dan l-iżvilupp negattiv juri li, għalkemm komplew isiru investimenti, sabiex jinżammu u jittejbu l-effiċjenza u l-kompetittività, ir-redditi fuq dawk l-investimenti naqsu sostanzjalment matul il-perjodu kkunsidrat minħabba l-impossibbiltà għall-industrija tal-Unjoni li ttejjeb ir-rata tal-profittabilità.

(158) Peress li r-redditi fuq l-investimenti qed jonqsu daqshekk malajr, huwa ċar li l-kapaċità li jinġabar il-kapital fil-futur tiġi pperikolata jekk is-sitwazzjoni tonqos kontinwament milli titjieb.

4.6.4. *Affermazzjonijiet relatati mal-analiżi tad-dannu*

(159) STL sostna li abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni tjiebet b'mod suffiċjenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-produzzjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni, il-bejgħ kaptiv u mhux relatat, l-esportazzjonijiet, l-impjiegi u l-investimenti, u li l-industrija tal-Unjoni għalhekk ma ġarrbet l-ebda dannu materjali. STL argumenta wkoll li l-produtturi tal-Unjoni kienu ġeneralment profittabbli b'livelli differenti ta' profittabilità minħabba mudelli kummerċjali differenti.

(160) Il-Kummissjoni ma qablitx mal-konklużjonijiet ta' STL. Kif stabbilit fil-premessi (169) sa (170), l-analiżi tal-indikaturi tad-dannu wriet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu finanzjarju materjali fil-forma ta' profitti aktar baxxi u tnaqqis fl-investimenti u fir-redditu fuqhom.

(161) Barra minn hekk, kif spjegat hawn taħt fil-premessi (164) sa (168), l-analiżi tal-bejgħ permezz ta' sejħiet għall-offerti tindika li l-erożjoni tal-prezzijiet kienet qed tkompli taċċellera minkejja l-miżuri fis-seħħ kontra l-importazzjonijiet miċ-Ċina u kienet se tkompli tagħmel dan minħabba l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja li qed jiżdiedu b'mod rapidu. Għalhekk, ġew miċħuda l-affermazzjonijiet ta' STL f'dan ir-rigward.

4.6.5. *Analiżi tal-offerti*

(162) Il-maġġoranza l-kbira tal-OFC tinbiegħ permezz ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti, filwaqt li OFC oħra jinbiegħu permezz ta' bejgħ spot individwali. Sabiex tikseb l-għarfien meħtieġ dwar dan l-aspett tas-suq, il-Kummissjoni talbet informazzjoni dettaljata dwar l-offerti mill-produtturi esportaturi Indjani inklużi fil-kampjun, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, l-importaturi u l-utenti. Intalbet informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-offerti, bħall-proċess, iż-żmien u karatteristiċi rilevanti oħra. L-ebda entità pubblika tal-offerti jew operatur tat-telekomunikazzjoni ma pparteċipaw fl-investigazzjoni u pprovdew informazzjoni.

(163) L-investigazzjoni wriet stampa frammentata tal-offerti, inkluż f'termini ta' proċess, kamp ta' applikazzjoni u eżiti. Dawn jistgħu jiġu organizzati minn entitajiet pubbliċi jew privati bħal operaturi kbar tat-telekomunikazzjoni. In-negozjati fl-offerti jistgħu jsiru f'forom differenti, bħal irkanti elettroniċi jew offerti diretti. Il-proċess tal-offerti tipikament idum 3-6 xhur mit-tħabbira tas-sejħa għall-offerti sal-konklużjoni. Fi żmien xahar jew xahrejn wara l-konklużjoni tal-offerta, l-ordnijiet tax-xiri jinħarġu mill-klijent u l-konsenji jsiru skont it-termini u l-kundizzjonijiet definiti fil-kuntratt. L-investigazzjoni kkonfermat li l-prezz jirrappreżenta l-aktar kriterju ta' xiri importanti, meta wieħed iqis li l-offerti jinħarġu għal prodotti li l-karatteristiċi tekniċi tagħhom ikunu ġew speċifikati fid-dettall ([18]).

(164) Il-proċess tal-offerti intensifika l-kompetizzjoni, peress li l-preżenza tal-produtturi esportaturi Indjani li għamlu offerti bi prezzijiet baxxi ħafna ġieħlet lill-industrija tal-Unjoni tnaqqas il-prezzijiet tagħhom għal livelli mhux sostenibbli fi sforz biex jaqblu mal-offerti Indjani u żammithom milli jgħaddu ż-żidiet fil-kostijiet tagħhom lill-klijenti tagħhom. Il-kundizzjonijiet tal-offerti tipikament ma jinkludux obbligu kuntrattwali għax-xerrej li jixtri l-kwantità offruta, filwaqt li jinkludu obbligu kuntrattwali għall-fornitur li jforni l-kwantità offruta bil-prezz offrut.

(165) Minħabba li l-biċċa l-kbira tas-suq jiġi fornut permezz tal-offerti, il-mekkaniżmu tal-offerti huwa dak li jistabbilixxi l-prezzijiet fis-suq. Għalhekk, l-esportaturi Indjani li jagħmlu offerti bi prezzijiet ħafna aktar baxxi mill-industrija tal-Unjoni, huma, minkejja l-kwantitajiet mibjugħa li għadhom relattivament baxxi, dawk li jistabbilixxu l-prezz ta' referenza li l-industrija tal-Unjoni hija mistennija li tqabbel. Dan huwa kkonfermat ukoll mil-livelli sinifikanti ta' twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz stabbiliti fl-investigazzjoni.

(166) HFCL talab analiżi separata tad-dannu għall-bejgħ permezz ta' offerti minn naħa waħda u għall-bejgħ fuq il-post min-naħa l-oħra, filwaqt li sostna li dawn ikunu żewġ segmenti tas-suq differenti bi strateġiji ta' pprezzar u mġiba tad-domanda differenti.

(167) HFCL ma pprovda l-ebda evidenza li turi li l-użu ta' mezzi tal-bejgħ differenti potenzjalment ikollu effetti dannużi differenti fuq l-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-investigazzjoni stabbiliet li l-offerti jikkostitwixxu s-sehem ewlieni tas-suq għall-OFC, kif spjegat hawn fuq fil-premessa (162). Il-bejgħ fuq il-post jitwettaq prinċipalment mill-istess operaturi tat-telekomunikazzjoni għal proġetti fuq skala żgħira jew biex jiġu kkomplementati l-kwantitajiet li diġà kienu soġġetti għal offerta. Għalhekk, f'dan il-każ, il-prezz ta' referenza għal tip ta' prodott partikolari xorta waħda x'aktarx li jkun marbut mal-prezz miftiehem fl-offerta. Għalhekk, ġiet miċħuda l-affermazzjoni ta' HCL.

(168) Minħabba n-natura tal-offerti, jeħtieġ li jitqies effett imdewwem. Il-konsenja (u l-fatturazzjoni) sussegwenti tal-OFC wara offerta mirbuħa ssir fix-xhur jew fis-snin wara l-konklużjoni tal-offerta. Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni kienet qed tbati mill-volum ta' bejgħ mitluf għall-esportaturi Ċiniżi qabel l-impożizzjoni tal-miżuri filwaqt li, fl-istess ħin, kienet qed tiffaċċja kompetizzjoni mill-esportazzjonijiet Indjani oġġett ta' dumping li l-effetti tagħhom, fuq il-volum ta' bejgħ, se jippersistu wkoll wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, b'mod ġenerali, l-iżvilupp fuq l-offerti kkonferma l-effett kontinwu tas-soppressjoni tal-prezzijiet. Il-preżenza akbar ta' produtturi esportaturi Indjani evitat l-irkupru tal-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet Ċiniżi u hija mistennija li jkompli jkollha effett negattiv, fin-nuqqas ta' miżuri.

4.6.6. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(169) Diversi indikaturi wrew xejra pożittiva bħall-produzzjoni, il-kapaċità, il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq kif ukoll l-impjiegi. Madankollu, iż-żieda fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni tista' tkun marbuta mat-tnaqqis fis-sehem mis-suq għall-importazzjonijiet miċ-Ċina, wara l-impożizzjoni ta' miżuri f'Novembru 2021, meta l-industrija tal-Unjoni rnexxielha tikseb mill-ġdid parti mis-sehem mis-suq li qabel kien intilef għall-importazzjonijiet Ċiniżi. Minkejja dan, fl-istess ħin, l-industrija tal-Unjoni ffaċċjat żieda fil-kost tal-produzzjoni filwaqt li l-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-Unjoni wrew xejra ta' tnaqqis. Għalkemm kien mistenni li l-miżuri kontra l-importazzjonijiet miċ-Ċina jwasslu għal serħan għall-produtturi tal-Unjoni, iż-żieda qawwija fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Indjani wriet li kien hemm pressjoni kontinwa fuq il-prezzijiet iġġenerata mill-esportazzjonijiet Indjani, bi twaqqigħ sinifikanti tal-prezz, u, fi kwalunkwe każ, soppressjoni tal-prezzijiet matul il-perjodu 2021-PI. Dan deher ċar fit-tnaqqis sinifikanti fil-profittabilità u fil-fluss ta' flus u eventwalment, il-livelli baxxi ħafna ta' investiment.

([18]) Ara t-tweġiba miftuħa għall-kwestjonarju ta' Corning and Acome.

(170) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

5. KAWŻALITÀ

(171) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufa oħra setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kwalunkwe dannu possibbli kkawżat minn fatturi oħra ħlief l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi kienu: l-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Indja, l-importazzjonijiet miċ-Ċina, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-bejgħ kaptiv, iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima u tal-enerġija, it-tfixkil fil-katina tal-provvista minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-imġiba antikompetittiva tal-industrija tal-Unjoni, il-kompetizzjoni fost l-industrija tal-Unjoni, u d-dannu awtokkawżat minħabba l-effetti ta' żieda inizjali fl-investimenti, fil-kapaċità u fl-istokks.

5.1. **Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping**

(172) Id-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ħabat maż-żieda rapida tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja li ppenetraw is-suq tal-Unjoni f'volumi sostanzjali, li waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u, fi kwalunkwe każ, eżerċitaw soppressjoni sinifikanti tal-prezzijiet fuq il-bejgħ tal-Unjoni.

(173) Il-volum tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja żdied (kif muri fit-Tabella 3) minn [48 000–59 000] km ta' kejbils fl-2020 għal [137 000–165 000] km ta' kejbils fil-perjodu ta' investigazzjoni, li jirrappreżenta żieda ta' 183 %. F'termini ta' sehem mis-suq, iż-żieda matul l-istess perjodu kienet minn [2–3] % għal [6–8] %, żieda ta' kważi tliet darbiet akbar (179 %). Matul l-istess perjodu (kif muri fit-Tabella 6), is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles kien inqas evidenti, minn 40,4 % għal 47,2 %, żieda ta' 17 % (6,8 punti perċentwali). Għalhekk jista' jiġi konkluż li kienu prinċipalment importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja li ħadu vantaġġ mit-tnaqqis tal-importazzjonijiet miċ-Ċina.

(174) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping naqas b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat b'46 % kif deskritt fit-Tabella 4 u kien qed iwaqqa' l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni b'medja ta' 37,2 % u 45,6 %. Il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles tal-Unjoni lil partijiet mhux relatati naqsu b'mod ġenerali bi 3 % matul il-perjodu abbażi tal-analiżi fit-Tabella 8.

(175) Il-livell tat-twaqqigħ tal-prezz, flimkien mal-profittabilità baxxa tal-industrija tal-Unjoni, juri li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kienu bi prezzijiet ferm taħt il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, kemm permezz tal-mekkaniżmi tal-offerti kif ukoll permezz ta' bejgħ fuq il-post. Din l-imġiba tal-prezzijiet żammet lill-industrija tal-Unjoni milli tirkupra bis-sħiħ is-sehem mis-suq li qabel kien intilef minħabba l-importazzjoni Ċiniża oġġett ta' dumping u naqqset il-livelli ta' profitt tagħha mill-bidu tal-perjodu kkunsidrat. Hija ġġenerat soppressjoni tal-prezzijiet, u dannu finanzjarju f'termini kemm ta' profittabilità mnaqqsa kif ukoll ta' investimenti li qed jonqsu, li jipperikolaw l-eżistenza tal-industrija tal-Unjoni.

(176) L-industrija tal-Unjoni, f'tentattiv biex tqabbel il-prezzijiet baxxi u oġġett ta' dumping stabbiliti mill-produtturi Indjani u sabiex tiddefendi l-volum ta' bejgħ tagħha f'perjodu ta' żieda fil-kostijiet, ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha bir-ritmu taż-żieda fil-kostijiet. Dan irriżulta fi tnaqqis profond fil-profittabilità għall-produtturi kollha tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(177) Għalhekk, filwaqt li l-industrija tal-Unjoni rnexxielha żżid is-sehem mis-suq tagħha matul il-perjodu kkunsidrat, dan sar għad-detriment tal-prezzijiet u rriżulta fi tnaqqis sinifikanti fil-profitti (soppressjoni tal-prezzijiet), għal livelli li, kif spjegat fit-Taqsima 6.1 hawn taħt, huma ferm taħt il-profitt fil-mira għal din l-industrija.

(178) Kif deskritt fil-premessa (158) hawn fuq, kien hemm ukoll evidenza li ċerti investimenti ppjanati u proġetti ta' espansjoni tal-industrija tal-Unjoni kienu ġew ikkanċellati jew sospiżi minħabba ż-żieda fl-importazzjonijiet Indjani oġġett ta' dumping.

(179) Minn dan ta' hawn fuq jirriżulta li ż-żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja żammet lill-industrija tal-Unjoni milli tirkupra l-ishma mis-suq u milli tilħaq livelli sostenibbli ta' profitt.

(180) It-tliet produtturi esportaturi kollha sostnew li ma kien hemm l-ebda korrelazzjoni bejn l-importazzjonijiet mill-Indja u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Huma argumentaw li l-livelli ta' importazzjoni mill-Indja kienu baxxi u li l-prezzijiet ma kinux f'livelli dannużi. Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li l-investigazzjoni kkontradiet b'mod ċar dawn il-fehmiet u għalhekk ċaħdet dawn l-affermazzjonijiet.

(181) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2. **Effetti ta' fatturi oħra**

5.2.1. *Importazzjonijiet mill-Indja mhux oġġett ta' dumping*

(182) Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Indja mhux oġġett ta' dumping żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 12

Importazzjonijiet mill-Indja mhux oġġett ta' dumping

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum (km ta' kejbils)	[11 000–14 000]	[41 000–50 000]	[95 000–118 000]	[67 000–83 000]
Indiċi	*100*	*362*	*845*	*593*
Sehem mis-suq (%)	[0–1]	[1–2]	[4–5]	[2–4]
Prezz medju (EUR/km ta' kejbils)	[214–264]	[350–432]	[370–457]	[369–456]
Indiċi	*100*	*164*	*173*	*172*

Sors: Kwestjonarju vverifikat tal-produttur esportatur.

(183) Il-volum tal-importazzjonijiet u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Indjani mhux oġġett ta' dumping kienu bbażati fuq il-kwantitajiet irrappurtati mill-produttur esportatur inklużi fil-kampjun li għalihom ma nstab l-ebda dumping. Peress li d-*data* kienet ibbażata fuq informazzjoni relatata ma' kumpanija waħda biss, din tqiegħdet f'firxiet sabiex tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità.

(184) Il-volum tal-importazzjoni wera żieda minn [11 000–14 000] km ta' kejbils fl-2020 għal [95 000–118 000] km ta' kejbils fl-2022, segwit minn tnaqqis għal [67 000–83 000] km ta' kejbils fil-perjodu ta' investigazzjoni. Is-sehem mis-suq segwa l-istess xejra u żdied minn [0–1] % fl-2020 għal [2–4] % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-prezzijiet tal-importazzjoni kienu qed iwaqqgħu l-prezz tal-industrija tal-Unjoni b'madwar [25–35] % matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Minħabba dan l-iżvilupp, ma jistax jiġi eskluż li dawn l-importazzjonijiet kellhom impatt negattiv fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u kkontribwew għad-dannu materjali. Madankollu, il-livelli tal-importazzjoni u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping matul il-perjodu kkunsidrat baqgħu fil-biċċa l-kbira taħt il-volum tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja u naqsu fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li dawn ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Indjani oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.2. *Importazzjonijiet miċ-Ċina*

(185) It-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun sostnew li l-importazzjonijiet Ċiniżi kkawżaw id-dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni aktar milli lill-importazzjonijiet Indjani, filwaqt li nnotaw li l-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu ħafna ogħla minn dawk mill-Indja u li l-prezzijiet tal-importazzjoni kienu aktar baxxi mill-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Indja.

(186) Il-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 13

Importazzjonijiet miċ-Ċina

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum (km ta' kejbils)	843 918	876 581	487 545	514 072
Indiċi	*100*	*104*	*58*	*61*
Sehem mis-suq (%)	37,5	33,7	20,6	22,6
Prezz medju (EUR/km ta' kejbils)	532	572	774	687
Indiċi	*100*	*107*	*145*	*129*

Sors: Comext (Eurostat).

(187) L-importazzjonijiet miċ-Ċina naqsu matul il-perjodu kkunsidrat minn 843 000 km ta' kejbils fl-2020 għal madwar 514 000 km ta' kejbils fil-perjodu ta' investigazzjoni. Is-sehem mis-suq naqas kif xieraq minn 37,5 % għal 22,6 %. Dan l-iżvilupp jista' jkun marbut mal-miżuri anti-dumping fuq l-OFC miċ-Ċina li ġew introdotti f'Novembru 2021 wara l-investigazzjoni taċ-Ċina msemmija fil-premessa (17) u ż-żieda fid-dazji anti-dumping f'Awwissu 2023 wara l-investigazzjoni kontra l-assorbiment. Kif imsemmi fil-premessa (139), minħabba l-preżenza li għadha qawwija tal-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezzijiet li jassorbu d-dazji anti-dumping, l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kompletament protetta mill-prattika tad-dumping tal-produtturi esportaturi Ċiniżi matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet Ċiniżi setgħu affettwaw b'mod negattiv is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u kkontribwew għad-dannu mġarrab. Madankollu, wara wkoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirdoppja d-dazji AD fuq l-OFC miċ-Ċina ([19]), l-importazzjonijiet Ċiniżi wrew ukoll xejra sinifikanti 'l isfel matul il-perjodu kkunsidrat, kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi. Barra minn hekk, dawn urew xejra ta' żieda fil-prezzijiet, bi prezzijiet medji ogħla mill-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja. Barra minn hekk, it-tnaqqis fil-profitti tal-Industrija tal-Unjoni kien ħafna aktar evidenti fl-2022 u matul il-perjodu ta' investigazzjoni, li jissuġġerixxi li huma l-importazzjonijiet Indjani li qed jiżdiedu, aktar milli t-tnaqqis fl-importazzjonijiet Ċiniżi, li kkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni.

(188) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjonijiet mill-produtturi esportaturi Indjani u kkonkludiet li, anki jekk l-importazzjonijiet Ċiniżi seta' kellhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat, dawn ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Indjani oġġett ta' dumping u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra*

(189) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr l-Indja u ċ-Ċina żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 14

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra

		2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-Marokk	Volum (km ta' kejbils)	26 431	72 886	87 911	103 567
	Indiċi	*100*	*276*	*333*	*392*

([19]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1617.

	Sehem mis-suq (%)	1,2	2,8	3,7	4,6
	Prezz medju (EUR/km ta' kejbils)	598	438	659	725
	Indiċi	*100*	*73*	*110*	*121*
Ir-Renju Unit	Volum (km ta' kejbils)	80 442	80 442	82 631	78 103
	Indiċi	*100*	*100*	*103*	*97*
	Sehem mis-suq (%)	3,6	3,1	3,5	3,4
	Prezz medju (EUR/km ta' kejbils)	658	658	785	845
	Indiċi	*100*	*100*	*119*	*128*
It-Turkija	Volum (km ta' kejbils)	56 794	56 559	59 477	50 369
	Indiċi	*100*	*100*	*105*	*89*
	Sehem mis-suq (%)	2,5	2,2	2,5	2,2
	Prezz medju (EUR/km ta' kejbils)	414	390	408	499
	Indiċi	*100*	*94*	*99*	*121*
Il-Korea t'Isfel	Volum (km ta' kejbils)	83 410	69 787	71 045	38 803
	Indiċi	*100*	*84*	*85*	*47*
	Sehem mis-suq (%)	3,7	2,7	3,0	1,7
	Prezz medju (EUR/km ta' kejbils)	604	585	723	797
	Indiċi	*100*	*97*	*120*	*132*
L-Indoneżja	Volum (km ta' kejbils)	64	2 523	58 233	35 734
	Indiċi	*100*	*3 946*	*91 079*	*55 889*
	Sehem mis-suq (%)	0,0	0,1	2,5	1,6

	Prezz medju (EUR/km ta' kejbils)	10 960	3 850	973	1 039
	Indiċi	*100*	*35*	*9*	*9*
It-Tuneżija	Volum (km ta' kejbils)	39 486	47 284	36 414	33 996
	Indiċi	*100*	*120*	*92*	*86*
	Sehem mis-suq (%)	1,8	1,8	1,5	1,5
	Prezz medju (EUR/km ta' kejbils)	658	737	847	756
	Indiċi	*100*	*112*	*129*	*115*
Il-Messiku	Volum (km ta' kejbils)	31 041	30 626	44 895	33 403
	Indiċi	*100*	*99*	*145*	*108*
	Sehem mis-suq (%)	1,4	1,2	1,9	1,5
	Prezz medju (EUR/km ta' kejbils)	666	506	598	636
	Indiċi	*100*	*76*	*90*	*95*
L-Iżvizzera	Volum (km ta' kejbils)	28 989	30 260	29 475	26 534
	Indiċi	*100*	*104*	*102*	*92*
	Sehem mis-suq (%)	1,3	1,2	1,2	1,2
	Prezz medju (EUR/km ta' kejbils)	829	870	1 039	1 153
	Indiċi	*100*	*105*	*125*	*139*
Pajjiżi terzi oħra	Volum (km ta' kejbils)	109 988	163 777	152 108	99 783
	Indiċi	*100*	*149*	*138*	*91*

	Sehem mis-suq (%)	4,9	6,3	6,4	4,4
	Prezz medju (EUR/km ta' kejbils)	1 603	1 219	1 321	1 974
	Indiċi	*100*	*76*	*82*	*123*
Total tal-pajjiżi terzi kollha minbarra l-Indja u ċ-Ċina	Volum (km ta' kejbils)	456 645	554 145	622 190	500 291
	Indiċi	*100*	*121*	*136*	*110*
	Sehem mis-suq (%)	20,3	24,0	27,7	22,2
	Prezz medju (EUR/km ta' kejbils)	855	783	875	1 017
	Indiċi	*100*	*92*	*102*	*119*

Sors: Comext (Eurostat).

(190) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra kienu minn diversi sorsi. Il-pajjiżi bl-ogħla volum ta' importazzjonijiet u sehem mis-suq kienu l-Marokk u r-Renju Unit.

(191) L-importazzjonijiet mill-Marokk żdiedu minn madwar 26 000 km ta' kejbils fl-2020 għal madwar 103 000 km ta' kejbils matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Is-sehem tagħhom mis-suq żdied minn 1,2 % fl-2020 għal 4,6 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, kif muri hawn fuq, ix-xejriet medji tal-prezzijiet żdiedu b'madwar 20 % matul l-istess perjodu u kienu f'livelli ogħla b'mod sinifikanti bħal dawk mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja u ogħla mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fil-PI. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet Marokkini ma kkawżaw l-ebda dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

(192) L-istatistika tal-importazzjoni relatata mar-Renju Unit għas-sena 2020 kienet influwenzata mill-Brexit u ma kinitx meqjusa bħala bażi affidabbli biex jiġu stabbiliti l-volumi u l-valuri tal-importazzjoni għar-Renju Unit għal dik is-sena. Għalhekk, il-Kummissjoni stmat il-livell tal-importazzjonijiet għall-2020 f'livell simili għall-importazzjonijiet fl-2021. Fuq din il-bażi, l-importazzjonijiet tar-Renju Unit kellhom xejra pjuttost stabbli, li b'mod ġenerali wriet tnaqqis żgħir ta' 3 %, minn madwar 80 000 km ta' kejbils fl-2020 għal madwar 78 000 km ta' kejbils matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Is-sehem mis-suq tagħhom naqas kif xieraq minn 3,6 % għal 3,4 % fl-istess perjodu. Meta jitqies li l-prezz medju għall-importazzjonijiet tar-Renju Unit kien ogħla b'mod sinifikanti mill-prezz medju tal-Unjoni, il-Kummissjoni qieset li dawn ma kkawżaw l-ebda dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

(193) L-importazzjonijiet mit-Turkija kienu stabbli fl-2020 u fl-2021, żdiedu b'5 % fl-2022 qabel ma naqsu b'16 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. B'hekk, b'mod ġenerali, l-importazzjonijiet kellhom xejra ta' tnaqqis ta' 11 % bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni. F'termini assoluti, l-importazzjonijiet naqsu minn madwar 56 800 km ta' kejbils fl-2020 għal madwar 50 000 km ta' kejbils fil-perjodu ta' investigazzjoni. Is-sehem mis-suq baqa' relattivament stabbli u naqas bi ftit minn 2,5 % għal 2,2 % fil-perjodu kkunsidrat. Għalkemm il-livell tal-prezz kien taħt dak tal-produtturi tal-Unjoni, ma seta' jinkiseb l-ebda sehem mis-suq addizzjonali. Filwaqt li l-Kummissjoni ma setgħetx teskludi li dawk l-importazzjonijiet ikkontribwew għad-dannu tal-industrija tal-Unjoni, minħabba l-volum baxx u dejjem jonqos tagħhom, l-impatt tqies li kien limitat u għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(194) Il-Kummissjoni qieset li l-importazzjonijiet mill-Korea t'Isfel, mill-Indoneżja, mit-Tuneżija, mill-Messiku u mill-Iżvizzera kienu f'livelli baxxi ħafna matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Bl-eċċezzjoni tat-Tuneżija u tal-Messiku, dawn urew xejriet sinifikanti 'l isfel. L-importazzjonijiet mit-Tuneżija u mill-Messiku kellhom volumi ta' importazzjoni li naqsu mill-2022 sal-perjodu ta' investigazzjoni. Il-prezzijiet medji tal-importazzjoni minn dawn il-pajjiżi kienu għoljin u ogħla mill-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn l-importazzjonijiet ma kkawżaw l-ebda dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

(195) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra naqsu b'mod moderat fil-perjodu kkunsidrat f'termini assoluti minn madwar 110 000 km ta' kejbils fl-2020 għal madwar 100 000 km ta' kejbils fil-perjodu ta' investigazzjoni. Is-sehem mis-suq naqas minn 4,9 % għal 4,4 %. Dawn urew livelli għoljin u dejjem jiżdiedu tal-prezzijiet u għalhekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li dawn ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

5.2.4. *Bejgħ kaptiv*

(196) Kif muri fit-Tabella 6, matul il-perjodu kkunsidrat, il-bejgħ kaptiv tal-industrija tal-Unjoni żdied b'47 %.

(197) Madankollu, kif spjegat hawn fuq fil-premessa (138), il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza li l-bejgħ kaptiv kellu xi impatt sinifikanti fuq l-evoluzzjoni tal-indikaturi tad-dannu. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-użu kaptiv ma kkawżax dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

5.2.5. *Kost tal-materja prima u tal-enerġija*

(198) Il-produtturi esportaturi kollha inklużi fil-kampjun sostnew li d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien dovut għaż-żieda fil-kostijiet tal-materja prima u fil-prezzijiet tal-enerġija.

(199) Kif stabbilit fil-premessa (139), minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Indjani oġġett ta' dumping, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha f'konformità maż-żieda fil-kostijiet tagħha. Għalhekk, iż-żieda fil-kost ma tistax titqies bħala l-kawża tad-dannu, iżda pjuttost żieda fil-kost li ma setgħetx tiġi riflessa fil-prezzijiet minħabba l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja. Dawn l-affermazzjonijiet kienu għalhekk miċħuda.

5.2.6. *Effett ta' fatturi oħra*

(200) Minbarra l-fatturi analizzati fil-premessi preċedenti, STL sostna li d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, jekk hemm, kien dovut għal tfixkil fil-katina tal-provvista minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-kompetizzjoni fost l-industrija tal-Unjoni, id-dannu awtokkawżat minħabba żidiet fl-investimenti, il-kapaċità u l-istokks, kif ukoll l-imġiba antikompetittiva ta' ċerti produtturi tal-Unjoni filwaqt li rrefera għal deċiżjoni antitrust tal-2014 ([20]) dwar il-produtturi ta' kejbils ta' vultaġġ għoli u deċiżjonijiet sussegwenti matul il-perjodu kkunsidrat fil-Brażil ([21]), fi Spanja ([22]), u fir-Renju Unit ([23]). Barra minn hekk, HFCL u Birla sostnew li deċiżjonijiet ħżiena ta' investiment tal-industrija tal-Unjoni kienu l-kawża tad-dannu materjali allegatament imġarrab.

([20]) Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2014 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 taż-ŻEE (ĠU C 319, 17.9.2014, p. 10), Ftehim (Kawża AT.39610 — Kejbils tal-Elettriku) (notifikata bid-dokument C(2014) 2139 final).

([21]) "Cade applies BRL 20,9 million in fines for international cartel of underground and submarine cables" (l-1 ta' Novembru 2022), disponibbli fuq https://www.gov.br/cade/en/matters/news/cade-applies-brl-20-9-million-in-fines-for-international-cartel-of-underground-and-submarine-cables.

([22]) Comision Nacional de los Mercados y la Competencia, il-Kawża S/DC/0562/15: CABLES BT/MT, Riżoluzzjoni Finali; disponibbli fuq https://www.cnmc.es/expedientes/sdc056215.

([23]) It-Tribunal tal-Appell tal-Kompetizzjoni, Avviż ta' Talba skont it-Taqsima 47A tal-Att dwar il-Kompetizzjoni tal-1998, il-Kawża Nru 1532/5/7/22; disponibbli fuq https://www.catribunal.org.uk/sites/cat/files/2023-03/2023.03.10_1532_RWE%20Renewables%20v%20Prysmian_Summary_of_Claim_Final.pdf.

(201) Fil-premessa (156), il-Kummissjoni analizzat l-investiment ġenerali bil-konklużjoni li l-investimenti tal-industrija tal-Unjoni kienu f'livelli baxxi ħafna u fil-minimu meħtieġ biex isostnu l-operazzjonijiet matul il-perjodu kkunsidrat. Il-Kummissjoni qieset ukoll li l-pandemija tal-COVID-19 kellha biss impatt limitat u temporanju ħafna fuq l-industrija tal-Unjoni, meta jitqies li l-perjodu taħt kunsiderazzjoni huwa mill-1 ta' Jannar 2020 sat-30 ta' Settembru 2023, filwaqt li l-pandemija tal-COVID-19 kienet bejn l-2020 u l-2022. Barra minn hekk, ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza dwar l-allegat tfixkil fil-katina tal-provvista u l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda evidenza speċifika f'dan ir-rigward. Fir-rigward tal-allegata mġiba antikompetittiva tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni tinnota li l-investigazzjoni tal-antitrust li għaliha rrefera l-produttur esportatur, kienet relatata ma' kejbils tal-elettriku b'vultaġġ għoli ([24]) u għalhekk ma kinitx rilevanti għall-prodott ikkonċernat. L-impatt tal-bidliet fil-livell tal-investimenti, l-istokks u l-kapaċità ġie analizzat fid-dettall matul l-investigazzjoni kif indikat fil-premessi (156), (151), u (132), u l-Kummissjoni kkonkludiet li l-impatt tagħhom kien limitat ħafna. B'mod partikolari, b'kuntrast ma' dak li ntqal, l-investigazzjoni żvelat li l-istokks u l-investimenti tal-industrija tal-Unjoni baqgħu f'livell baxx ħafna. Fir-rigward tal-kompetizzjoni fost il-produtturi tal-Unjoni, il-Kummissjoni qieset li l-kompetizzjoni ġusta hija mħeġġa f'suq ħieles u ma tistax titqies bħala kawża ta' dannu. L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda evidenza li seta' kellha xi effett dannuż.

(202) Għalhekk, l-affermazzjonijiet kollha rigward fatturi oħra possibbli li setgħu kkawżaw id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kienu miċħuda.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(203) Il-Kummissjoni stabbiliet rabta kawżali bejn id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja. Iż-żieda fl-importazzjonijiet Indjani oġġett ta' dumping ikkoinċidiet mad-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Iż-żieda qawwija fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat saret bi prezzijiet li waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni f'livelli saħansitra taħt il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni. B'hekk, dawn żammew lill-industrija tal-Unjoni milli tistabbilixxi prezzijiet f'livelli sostenibbli meħtieġa biex jinkisbu marġnijiet ta' profitt raġonevoli. Għall-kuntrarju, il-livelli tal-prezzijiet ma setgħux jaqblu maż-żieda fil-kostijiet b'effetti negattivi sinifikanti fuq il-livelli ta' profittabilità u ta' investiment tal-industrija tal-Unjoni.

(204) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi magħrufa kollha dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Il-Kummissjoni kkonkludiet li fatturi oħra, jiġifieri l-importazzjonijiet miċ-Ċina, l-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Indja u l-importazzjonijiet mit-Turkija setgħu kkontribwew għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni iżda, minħabba l-volumi kkumulati tal-importazzjoni tagħhom u l-iżviluppi fil-prezzijiet, ma naqqsux ir-rabta każwali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Fil-fatt, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi naqas minn 41,7 % għal 29,5 % filwaqt li l-prezzijiet tagħhom żdiedu b'31 % matul il-perjodu kkunsidrat. B'kuntrast, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja kellhom sehem mis-suq li qed jiżdied flimkien ma' tnaqqis kostanti fil-prezz, li ħabat fiż-żmien mad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, l-ebda wieħed mill-fatturi l-oħra magħrufa ma spjega l-iżviluppi negattivi tal-industrija tal-Unjoni f'termini ta' soppressjoni tal-prezzijiet u profittabilità, il-livelli baxxi ta' investimenti tagħha u l-iżvilupp negattiv fuq ir-redditu fuq l-investimenti.

(205) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħra, meqjusa individwalment jew kollettivament, ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali.

6. LIVELL TA' MIŻURI

(206) Biex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx suffiċjenti biex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping għall-industrija tal-Unjoni.

([24]) ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_14_358.

6.1. **Marġini tad-dannu**

(207) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb profitt fil-mira billi tbigħ bi prezz fil-mira skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2c) u 7(2d) tar-Regolament bażiku.

(208) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, biex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabilità qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż li qiegħed jiġi investigat, il-livell ta' profittabilità meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp (R & Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabilità li wieħed għandu jistenna f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Tali marġni ta' profitt jenħtieġ li ma jkunx inqas minn 6 %.

(209) L-ilmentatur issuġġerixxa profitt fil-mira ta' 13,4 %, b'referenza għall-investigazzjoni taċ-Ċina ([25]), u enfasizza li huma meħtieġa livelli għoljin ta' profitt f'din l-industrija mmexxija ħafna mill-investiment, li tonfoq riżorsi finanzjarji sinifikanti fuq ir-riċerka u l-iżvilupp, biex tkun tista' tinvesti f'teknoloġiji futuri u b'mod partikolari biex tiżviluppa n-network 5G fl-Unjoni. Xi produtturi tal-Unjoni sostnew li jenħtieġ li jintuża profitt fil-mira ta' 15 %.

(210) Il-Kummissjoni nnotat li l-profitt fil-mira stabbilit fl-investigazzjoni taċ-Ċina kien ta' 12,4 %. Il-Kummissjoni eżaminat dawn l-affermazzjonijiet, flimkien mal-kummenti ppreżentati mill-produtturi esportaturi u d-*data* disponibbli fil-fajl tal-każ rilevanti għar-rekwiżiti tal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku sabiex tistabbilixxi l-profitt fil-mira.

(211) Birla kkontesta l-adegwatezza tal-profitt fil-mira użat fl-investigazzjoni taċ-Ċina, fil-kuntest ekonomiku tal-investigazzjoni attwali. Birla esprima dubji dwar il-ħtieġa ta' investimenti addizzjonali mill-industrija tal-Unjoni, peress li diġà saru investimenti sostanzjali biex jiġi żviluppat in-network 5G fl-Unjoni. Huwa argumenta wkoll li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tistenna li tilħaq marġnijiet ta' profitt eċċessivament għoljin filwaqt li fl-istess ħin twettaq investimenti massivi. Barra minn hekk, Birla argumenta li l-operaturi tat-telekomunikazzjoni fl-Unjoni, il-klijenti ewlenin tal-OFC, kienu qed jiffaċċjaw kundizzjonijiet tas-suq dejjem aktar diffiċli u ma setgħux isostnu l-aspettattivi tal-marġni ta' profitt għoli tal-produtturi tal-OFC tal-Unjoni.

(212) STL sostna li l-profitt fil-mira stabbilit fl-investigazzjoni taċ-Ċina kien irrilevanti, peress li l-profitt fil-mira jrid ikun ibbażat fuq il-livell ta' profittabilità qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż soġġett għall-investigazzjoni attwali, jiġifieri l-Indja. Bi tweġiba għal din l-affermazzjoni, l-ilmentatur sostna li l-produtturi Indjani ma pprovdew l-ebda argument li juri xi bidla fiċ-ċirkostanzi li turi li ma tkunx għadha xierqa l-profittabilità fil-mira stabbilita fl-investigazzjoni taċ-Ċina. Fl-indirizzar ta' dan l-argument, STL sostna li l-profittabilità fil-mira stabbilita fl-investigazzjoni taċ-Ċina kienet ibbażata fuq realtà ekonomika differenti u b'hekk hija irrilevanti għal din l-investigazzjoni. Il-perjodu ta' żmien rilevanti għall-kalkolu tal-marġni ta' profitt fil-mira jenħtieġ li jkun wara l-2020. Barra minn hekk, STL sostna li mill-2022, kien hemm żieda sinifikanti fil-livell tal-investimenti tal-ilmentaturi meta mqabbel mal-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni taċ-Ċina (mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020), li kien ifisser bidla fiċ-ċirkostanzi meta mqabbla mal-investigazzjoni li tikkonċerna l-importazzjonijiet tal-OFC miċ-Ċina.

(213) Fir-rigward tal-ħtieġa għal investimenti futuri fil-produzzjoni tal-OFC, il-Kummissjoni nnotat li fl-aħħar rapport tagħha dwar "L-Istat tal-Komunikazzjonijiet Diġitali", l-assoċjazzjoni tal-Operaturi tan-Networks Ewropej tat-Telekomunikazzjoni (ETNO, European Telecom Network Operators) irrevediet 'il fuq il-previżjonijiet tagħha għall-introduzzjoni tan-networks Fibra sad-Dar (FTTH, Fibre-To-The-Home) fl-Unjoni, li jissuġġerixxi domanda futura qawwija ([26]). Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni li ma jkun meħtieġ l-ebda investiment ulterjuri.

([25]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2011, il-premessa (489).
([26]) https://etno.eu/library/reports/117-state-of-digital-2024.html.

(214) Fir-rigward tal-affermazzjoni li l-operaturi tat-telekomunikazzjoni ma setgħux isostnu aspettattivi għoljin ta' marġni ta' profitt mill-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni nnotat li l-OFC jirrappreżenta porzjon żgħir ħafna tal-kostijiet kapitali tal-operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-UE, li skont l-ETNO laħqu EUR 59,1 biljun fl-2022 ([27]). Meta jitqies il-konsum totali tal-Unjoni ta' madwar 2,5 miljun kejbil/km ([28]) u prezz medju ta' EUR 756 għal kull kejbil/km ([29]), il-kostijiet relatati mal-OFC jirrappreżentaw madwar 3 % tal-investimenti tal-operaturi tat-telekomunikazzjoni. Barra minn hekk, l-għan li jiġi stabbilit il-profitt fil-mira huwa li tiġi ddeterminata l-profittabilità li l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb fin-nuqqas ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping, inklużi kunsiderazzjonijiet ta' ċerti investimenti futuri. Jekk id-dazji humiex kontra l-interess ġenerali tal-Unjoni huwa eżaminat hawn taħt fil-premessi (223) sa (226) fejn fost l-oħrajn, l-impatt possibbli tad-dazji fuq l-industriji downstream huwa indirizzat. Għalhekk, kellhom jiġu miċħuda l-affermazzjonijiet ta' Birla u STL f'dan ir-rigward.

(215) Fir-rigward tal-affermazzjoni ta' STL li l-profitt fil-mira jrid ikun ibbażat fuq il-livell ta' profittabilità qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż soġġett għall-investigazzjoni attwali, il-Kummissjoni fakkret li l-profitt fil-mira jrid jiġi stabbilit billi jitqiesu għadd ta' fatturi, inkluż b'mod partikolari l-livell ta' profittabilità li għandu jkun mistenni f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Għalhekk, ġiet miċħuda wkoll din l-affermazzjoni.

(216) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni ġew imrażżna fil-perjodu ta' investigazzjoni prinċipalment minħabba l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja. Bl-istess mod, ir-realtà ekonomika qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Indja, jiġifieri, qabel l-2020, kienet affettwata bl-istess mod mill-preżenza tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina. Għalhekk, il-profitti matul dan il-perjodu ma tqisux bħala bażi xierqa biex jiġi stabbilit il-profitt fil-mira. Għalhekk, il-Kummissjoni eżaminat il-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni fuq il-bażi tal-profitti miksuba qabel il-perjodu affettwat mill-importazzjonijiet kemm miċ-Ċina kif ukoll mill-Indja.

(217) Kif konkluż fl-investigazzjoni taċ-Ċina, fl-2015 u fl-2016, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun setgħu jżommu profitti konsistenti ta' 12,6 % u 12,4 % rispettivament. Dawk is-snin tqiesu bħala l-aktar rappreżentattivi għall-profittabilità taħt il-kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni f'din l-industrija.

(218) Il-Kummissjoni qieset li tali analiżi għadha valida, b'mod partikolari meta jitqies li matul il-perjodu kkunsidrat fl-investigazzjoni attwali l-prezzijiet kienu għadhom parzjalment imnaqqsa mill-importazzjonijiet Ċiniżi, kif stabbilit fl-investigazzjoni kontra l-assorbiment. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li profitt fil-mira ta' 12,4 % xorta jkun jirrifletti l-livell ta' profittabilità mistenni f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Għalhekk, ġie miċħud l-argument li żieda fl-investimenti tikkostitwixxi "bidla fiċ-ċirkostanzi" li tkun teħtieġ evalwazzjoni ġdida tal-profitt fil-mira.

(219) F'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokolli tagħhom, li l-Unjoni hija parti minnhom, u tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżura. Ma kien hemm l-ebda tali kost futur irrapportat mill-industrija tal-Unjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkolat prezz mhux dannuż għall-prodott simili tal-industrija tal-Unjoni billi applikat il-profitt fil-mira ta' 12,4 % (ara l-premessa (217)) għall-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(220) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell tal-marġni tad-dannu fuq il-bażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun li għalihom instab id-dumping fl-Indja, kif stabbilit ukoll għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, mal-prezz medju ponderat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjoni.

(221) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji oħra li kkooperaw" u għall-"kumpaniji l-oħra kollha" huwa definit bl-istess mod bħall-marġini tad-dumping għal dawn il-kumpaniji (ara l-premessi (91) sa (94)).

([27]) https://etno.eu/library/reports/117-state-of-digital-2024.html.
([28]) Ara t-Tabella 2.
([29]) Il-kost ta' unità medju tal-produzzjoni fil-PI (ara t-Tabella 8) flimkien ma' marġni ta' profitt ta' 12,4 %.

Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tad-dannu (%)
MP Birla Group	6,9	86,7
Sterlite Technologies Limited Group	11,4	41,2
Kumpaniji oħra li kkooperaw	9,0	63,1
Il-kumpaniji l-oħra kollha	11,4	86,7

7. INTERESS TAL-UNJONI

(222) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.

7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(223) L-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn 14-il produttur jew grupp ta' produtturi, li jimpjegaw madwar 5 140 membru tal-persunal (FTE). Il-produtturi huma mifruxa ħafna madwar l-Unjoni.

(224) L-impożizzjoni ta' miżuri żżid il-livelli tal-prezzijiet fl-Unjoni u b'hekk tippermetti lill-industrija tal-Unjoni żżid il-prezzijiet tagħha f'konformità maż-żieda fil-kost tal-produzzjoni tagħha. Dan se jirriżulta f'livelli ta' profitt aktar sostenibbli li jippermettu lill-industrija tal-Unjoni żżid il-livelli ta' investiment tagħha u terġa' tibda l-investimenti tagħha f'innovazzjonijiet li huma meħtieġa għall-industrija tal-Unjoni biex iżżomm pożizzjoni kompetittiva fis-suq u żżomm il-preżenza tagħha fis-suq, kif ukoll tirkupra s-sehem mis-suq mitluf għall-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping fil-passat.

(225) In-nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri x'aktarx li jkollu effett negattiv sinifikanti fuq l-industrija tal-Unjoni f'termini ta' aktar soppressjoni tal-prezzijiet u depressjoni possibbli. Tnaqqis ulterjuri fil-prezzijiet ikun ifisser li l-industrija tal-Unjoni se tkun qed tagħmel it-telf fi żmien qasir. Biex jiġi evitat deterjorament tal-profittabilità tagħha, l-industrija tal-Unjoni tista' tiddeċiedi li żżomm il-livelli tal-prezzijiet attwali tagħha, li, madankollu, diġà mhumiex sostenibbli, jew li żżid il-prezzijiet tagħha għad-detriment tal-bejgħ. Dan se jwassal għal tnaqqis immedjat fil-volum tal-produzzjoni. Barra minn hekk, din is-sitwazzjoni se tipprevjeni lill-industrija tal-Unjoni milli żżid il-livelli ta' investiment tagħha, meħtieġa biex tiddefendi l-preżenza tagħha fis-suq billi toffri soluzzjonijiet innovattivi u żviluppi tal-prodott. B'konsegwenza ta' dan, l-industrija tal-Unjoni se tkun soġġetta għal deterjorament finanzjarju ulterjuri f'termini ta' profittabilità u investimenti, li jipperikola l-futur tagħha. Jekk ma jiġux imposti miżuri, jista' jkun mistenni li ż-żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja tkompli u saħansitra tiżdied b'mod sinifikanti, minħabba l-marġnijiet sostanzjali tat-twaqqigħ tal-prezz, u n-natura tas-suq, li hija mmexxija minn sejħiet għall-offerti li għandhom effetti fit-tul. F'dik is-sitwazzjoni, l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' tirkupra mill-effetti dannużi.

(226) Għalhekk, ġie konkluż li l-miżuri proviżorji huma fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

7.2. **Interess tal-importaturi mhux relatati**

(227) Fid-*data* tal-bidu, 51 importatur u utent ġew ikkuntattjati u mistiedna jikkooperaw fl-investigazzjoni. Importatur wieħed irreġistra bħala parti interessata iżda ma pprovdiex tweġiba għall-kwestjonarju. Konsegwentement, l-ebda importatur mhux relatat ma kkoopera matul l-investigazzjoni.

(228) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn importaturi mhux relatati, il-Kummissjoni ma setgħetx tiddetermina l-impatt preċiż tad-dazji anti-dumping fuq in-negozji tagħhom. Fl-investigazzjoni taċ-Ċina, il-Kummissjoni stabbiliet li l-importaturi gawdew minn marġnijiet ta' profitt ta' aktar minn 20 % u d-dazji jistgħu jiġu assorbiti jew tal-anqas parzjalment mgħoddija lill-klijenti tagħhom ([30]). L-investigazzjoni attwali ma żvelat l-ebda fatt jew evidenza li tikkontradixxi dawn is-sejbiet.

([30]) Il-premessa (588) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2011.

(229) Filwaqt li l-miżuri anti-dumping x'aktarx ikollhom ċertu impatt negattiv fuq l-importaturi u jistgħu jnaqqsu l-profittabilità tagħhom, il-Kummissjoni qieset li l-importaturi se jkunu jistgħu jassorbu u/jew jgħaddu parti miż-żieda fil-kost ikkawżata mid-dazju lill-klijenti tagħhom. Huma għandhom ukoll il-possibbiltà li jsibu sorsi alternattivi ta' provvista, inkluża l-Indja bi prezzijiet mhux oġġett ta' dumping. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importaturi mhux relatati mhux se jiġu affettwati b'mod sproporzjonat mill-impożizzjoni tal-miżuri.

7.3. **Interess tal-utenti, tal-installaturi u tad-distributuri**

(230) Il-prodott taħt investigazzjoni jinkiseb minn diversi industriji, prinċipalment operaturi tat-telekomunikazzjoni, korpi tas-settur pubbliku (bħal muniċipalitajiet) li għandhom jew jikkontrollaw networks tal-fibra, installaturi, u distributuri. L-ebda waħda minn dawn il-partijiet ma kkooperat.

(231) Utent wieħed biss attiv fl-industrija tat-telekomunikazzjoni kkoopera matul l-investigazzjoni. It-tweġiba tal-utent għall-kwestjonarju ma kien fiha l-ebda argument jew informazzjoni dwar aspetti ta' interess tal-Unjoni. Dan l-utent ma importax l-OFC mill-Indja u ma esprimiex appoġġ u lanqas oppożizzjoni għall-miżuri.

(232) Il-Kummissjoni qieset ukoll li, kif deskritt fil-premessa (213), l-OFC jikkostitwixxi biss parti żgħira mill-kostijiet ġenerali tal-utenti, peress li l-fattur ewlieni tal-kostijiet għall-użu tal-fibra huwa relatat max-xogħlijiet ċivili.

(233) Għalhekk, ġie konkluż li l-miżuri ma jaffettwawx b'mod sproporzjonat lill-utenti.

7.4. **Provvista fis-suq tal-Unjoni**

(234) STL argumenta li l-fatt li l-Kummissjoni timponi miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-OFC mill-Indja tkun għad-detriment ta' katina tal-provvista tal-OFC reżiljenti u awtosuffiċjenti fl-Unjoni. Ma kompliet tiġi żviluppata din l-affermazzjoni. Il-produttur esportatur ukoll ma pprovda l-ebda evidenza, aktar informazzjoni, jew analiżi b'appoġġ għal din l-affermazzjoni.

(235) L-investigazzjoni wriet li kien hemm diversi sorsi ta' provvista disponibbli fis-suq tal-Unjoni. Pajjiżi oħra minbarra l-Indja u ċ-Ċina (l-akbar fosthom il-Marokk u r-Renju Unit) kienu jikkostitwixxu 14,5 % tas-sehem mis-suq totali fl-Unjoni u kien hemm ukoll importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Indja. Barra minn hekk, kif muri fil-premessa (130), l-industrija tal-Unjoni kellha kapaċità żejda ta' kważi 40 % li setgħet tintuża biex tforni s-suq tal-Unjoni. Għalhekk, ġie miċħud dan l-argument.

7.5. **Sitwazzjoni kompetittiva fis-suq tal-Unjoni**

(236) L-istess produttur esportatur sostna li s-suq tal-Unjoni huwa ddominat minn grupp ta' produtturi kbar, u l-impożizzjoni ta' miżuri tenfasizza din is-sitwazzjoni li tista' twassal għal effetti dannużi, bħal prezzijiet ogħla, inqas għażla għall-konsumaturi, u riskju akbar ta' mġiba antikompetittiva mill-industrija tal-Unjoni.

(237) Bħal hawn fuq, il-produttur esportatur ma żviluppax aktar din l-affermazzjoni u lanqas ma pprovda ebda evidenza, aktar informazzjoni, jew analiżi b'appoġġ għal din l-affermazzjoni.

(238) Il-Kummissjoni qieset li l-industrija tal-Unjoni kienet tikkonsisti f'14-il produttur tal-Unjoni jew gruppi ta' produtturi li kienu qed jikkompetu bejniethom fis-suq tal-Unjoni, minbarra l-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Indja, l-importazzjonijiet miċ-Ċina u pajjiżi terzi oħra. Għalhekk, tqies għoli biżżejjed il-livell ta' kompetizzjoni. L-affermazzjoni rigward ir-riskju ta' mġiba antikompetittiva tal-industrija tal-Unjoni fil-futur hija spekulattiva ħafna u ġiet miċħuda.

(239) Għalhekk, ġew miċħuda l-affermazzjonijiet kollha rigward is-sitwazzjoni kompetittiva fis-suq tal-Unjoni.

7.6. **Fatturi oħra**

(240) L-OFCs huma meħtieġa biex jinbnew networks tal-broadband veloċi. Għalhekk huma ta' importanza kbira għaċ-ċittadini, in-negozji u l-entitajiet pubbliċi madwar l-Unjoni, li jiddependu minn dawn in-networks għax-xogħol middar, għat-tagħlim fid-dar, għat-tmexxija ta' negozju jew għall-forniment ta' servizzi. L-investiment permezz tal-programm NextGeneration EU ([31]) huwa wieħed mill-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea li għandha wkoll l-għan li tuża infrastruttura tal-broadband b'teknoloġija avvanzata biex tilħaq kull rokna tal-UE. B'hekk, il-kejbils tal-fibrottika huma kruċjali għad-Deċennju Diġitali tal-UE ([32]) kif ukoll għas-sovranità diġitali tagħha.

7.7. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(241) L-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping teħles lill-industrija tal-Unjoni mill-pressjoni fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni kkawżata mill-importazzjonijiet Indjani oġġett ta' dumping u tippermettilha żżid il-prezzijiet tagħha f'konformità maż-żidiet fil-kostijiet. Dan ikollu impatt pożittiv fuq il-profittabilità u l-livelli ta' investiment tagħhom u jippermettilhom jiddefendu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq u jinvestu f'teknoloġiji ġodda. Fl-aħħar nett, is-sopravivenza tal-produtturi tal-Unjoni hija kruċjali għas-sovranità diġitali tal-UE. B'kuntrast ma' dan, in-nuqqas ta' impożizzjoni tal-miżuri jwassal għal deterjorament ulterjuri rapidu tal-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni u fl-aħħar mill-aħħar ma jippermettix lill-industrija tal-Unjoni tiżviluppa li jwassal għal telf fis-sehem mis-suq u għall-għeluq possibbli tal-fabbriki.

(242) Fl-istess ħin, il-miżuri ma jwaqqfux l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi (inkluża l-Indja) milli jikkompetu b'mod ġust fis-suq tal-Unjoni. L-investigazzjoni ma żvelatx li l-miżuri jkollhom effett negattiv sproporzjonat fuq l-importaturi u l-industriji downstream.

(243) Għalhekk, b'mod ġenerali, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda raġuni konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-OFC li joriġinaw mill-Indja f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

8. MIŻURI ANTI-DUMPING PROVIŻORJI

(244) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar id-dumping, id-dannu, il-kawżalità, il-livell tal-miżuri, u l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri proviżorji biex jiġi evitat li jiġi kkawżat aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(245) Jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-OFC li joriġinaw mill-Indja, f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblet l-marġnijiet tad-dannu u l-marġnijiet tad-dumping. L-ammont tad-dazji ġie stabbilit fil-livell l-aktar baxx tal-marġnijiet tad-dumping u tad-dannu.

(246) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq, ir-rati ta' dazju anti-dumping proviżorji, mogħtija skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazji doganali mhux imħallsa, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju tal-anti-dumping proviżorju
Birla Cable Ltd; Universal Cables Ltd; Vindhya Telelinks Ltd	6,9 %
Sterlite Technologies Limited; Sterlite Tech Cables Solutions Limited	11,4 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw	9,0 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	11,4 %

([31]) Next Generation EU għandu l-għan li jimplimenta l-5G u l-broadband ultraveloċi fl-UE kollha biex fost għanijiet oħra jaċċellera t-tranżizzjoni diġitali permezz ta' diġitalizzazzjoni akbar tas-servizzi pubbliċi u l-ekonomija usa': https://next-generation-eu.europa.eu/index_en#:~:text=With%20NextGenerationEU%3A,become%20smarter%20and%20more%20efficient.

([32]) L-UE qed issegwi viżjoni sostenibbli u ċċentrata fuq il-bniedem għas-soċjetà diġitali matul id-deċennju diġitali biex tagħti s-setgħa liċ-ċittadini u lin-negozji: https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/europes-digital-decade.

(247) Ir-rati tad-dazju anti-dumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu l-qagħda ta' dawn il-kumpaniji kkonstatata matul din l-investigazzjoni. Dawn ir-rati ta' dazju huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u ffabbrikat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat magħmul minn xi kumpanija oħra mhux speċifikament imsemmija fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha". Dawn jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.

(248) Biex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpanniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(249) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, mhijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Fil-fatt, anki jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jeħtiġilhom iwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħra kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u biex jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(250) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'tali ċirkostanzi u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(251) L-istatistika tal-OFC frekwentement huma espressi f'km ta' kejbils. Madankollu, ma hemm l-ebda tali unità supplimentari għall-OFC speċifikata fin-Nomenklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([33]). Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi previst li mhux biss il-piż f'kg jew tunnellati iżda wkoll in-numru ta' km ta' kejbils għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat irid jiddaħħal fid-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Il-km ta' kejbils jenħtieġ li jiġu indikati għall-kodiċijiet NM u TARIC.

9. INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVIŻORJU

(252) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji proviżorji. Din l-informazzjoni ġiet magħmula disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali fuq is-sit web tad-DĠ KUMMERĊ. Il-partijiet interessati ngħataw tlett ijiem tax-xogħol biex jikkummentaw dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli speċifikament divulgati lilhom.

(253) MP Birla Group ikkummentat dwar il-preċiżjoni tal-kalkolu tal-marġni tad-dumping tagħha. Wara l-analiżi, il-Kummissjoni kkoreġiet il-kalkolu u l-marġni tad-dumping rilevanti.

(254) Il-kummenti l-oħra kollha li jaslu wara d-divulgazzjoni minn qabel se jiġu indirizzati fl-istadju definittiv.

10. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

(255) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati jressqu kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni fi żmien skadenza fissa.

([33]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

(256) Il-konklużjonijiet rigward l-impożizzjoni ta' dazji proviżorji huma proviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Huwa impost dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' kejbils fibrottiċi b'modalità waħda, magħmula minn fibra waħda jew aktar miksija individwalment, b'kisi protettiv, kemm jekk fihom kondutturi elettriċi kif ukoll jekk le, kemm jekk konnessi kif ukoll jekk le, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8544 70 00 (kodiċijiet TARIC 8544 70 00 10 u 8544 70 00 91) u li joriġinaw mill-Indja.

Il-prodotti li ġejjin huma esklużi:

— kejbils ta' inqas minn 500 metru fit-tul li fihom il-fibrottiċi kollha jkunu mgħammrin individwalment b'konnetturi operazzjonali f'estremità waħda jew fiż-żewġ estremitajiet; u

— kejbils għall-użu sottomarin, iżolati bil-plastik, li fihom konduttur tar-ram jew tal-aluminju, li fihom il-fibri jinsabu f'modulu/i tal-metall.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping proviżorju applikabbli għall-prezz nett, ħieles mal-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju tal-anti-dumping proviżorju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Birla Cable Ltd; Universal Cables Ltd; Vindhya Telelinks Ltd	6,9 %	89CF
Sterlite Technologies Limited; Sterlite Tech Cables Solutions Limited	11,4 %	89CG
Kumpaniji oħra li kkooperaw elenkati fl-Anness	9,0 %	
L-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mill-Indja	11,4 %	C999

3. Id-dazji anti-dumping mhumiex applikabbli għall-produtturi esportaturi Indjani ta' HFCL Group, li jikkonsisti minn HFCL Limited u HTL Limited (kodiċi addizzjonali TARIC 89CH).

4. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "*Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta.*" Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha.

5. F'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju proviżorju.

6. Meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fir-rigward tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, il-km ta' kejbils tal-prodotti importati għandhom jiddaħħlu fil-parti rilevanti ta' dik id-dikjarazzjoni, dment li din l-indikazzjoni tkun kompatibbli mal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.

L-Istati Membri għandhom, fuq bażi ta' kull xahar, jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-għadd ta' km ta' kejbils importati taħt il-kodiċijiet TARIC 8544 70 00 10 u 8544 70 00 91.

7. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ b'rabta mad-dazji doganali.

Artikolu 2

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar dan ir-regolament bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali huma mistiedna jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jeżamina t-talbiet ippreżentati wara din l-iskadenza u jista' jiddeċiedi jekk jaċċettax tali talbiet jekk ikun xieraq.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak li fih jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Produtturi esportaturi Indjani li kkooperaw li mhumiex parti mill-kampjun

Pajjiż	Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
L-Indja	Aberdare Technologies Private Limited	89CI
L-Indja	Aksh Optifibre Limited	89CJ
L-Indja	Apar Industries Limited	89CK
L-Indja	Polycab India Limited	89CL
L-Indja	UM Cables Limited	89CM
L-Indja	ZTT India Private Limited	89CN